# IL-PULIZIJA

PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS




## KAMPANJA KONTRA D-DROGI

Vol. 8 Nru. 9
Ħarġa Marzu/April

# Credit where credit's due.



Choosing BOV's direct credit system gives you more time to make those other important decisions. Bank BOV.

Bank of Valletta

*Malta's Leading Bank*

# IL-PULIZIJA

IL-MAGAZINE TIEGĦEK

F'DIN IL-ĦARĠA MARZU/APRIL 1994





**4** Tislima lill-President





**37** Donazzjonijiet





**39** Unur lil Malta u lill-Korp

**3** Editorjal
**5** M.P.A.
**7** Ittri tal-Qarrejja
**9** Il-Prezz tad-Droga
**13** Fl-Interess Tiegħek
**15** Paġna għan-Nisa
**17** Focus Fuq
**19** Il-Pulizija jagħlaq 17-il sena
**21** P.R.O.
**22** Pulizija Pensjonanti
**25** Poliċe on the Beat
**29** Ħamsa u għoxrin sena servizz
**31** Min għandu d-Dritta
**33** Riots of 1919
**41** Sports





Ritratt tal-kopertina PS 1200 M. Pandolfino bil-Microslight Aircraft


Volume 8 Numru 9


## ID-DROGA TEQRIDLEK ĦAJTEK




# We might be the only airport here~ but that doesn't mean we're taking things for granted.

Ours is, after all, a commitment to ensure that whether you're flying to or out of Malta, your stay at the airport is as pleasant and rewarding as possible...*Down to the last detail.*

**Ask for our Guide to Customer Services or phone (356) 249600 and speak to our customer care team for any information or assistance.**

## Who Cares Wins!

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

**Malta International Airport Limited - Luqa LQA 05 - Malta.**
**Tel: (356) 249600. Fax (356) 249563. Sita MLAMIKM.**

# IL-PULIZIJA

IL-MAGAZINE TIEGHEK

President: Ps 59 D. Saliba

Editur: Supt. A. Farrugia

Membri Bord Editorjali:

WPS 21 J. Scerri

PS 1229 J. Petroni

PS 1030 I. Portelli

PC 512 M. Ellul

Volume 8 No. 9

Maħruġ mill-Pulizija

Stampat: Vogue Offset Printers - Qormi

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat lill-Editur:
Il-Pulizija
Police Library, Police Headquarters,
Floriana CMR 02.

Abbonamenti għall-Pulizija għandhom isiru fl-Indirizz imsemmi għall-prezz ta' żewġ liri Maltin fis-sena, u tirċievi il-magazine id-dar bil-posta.



Il-materjal li jiġi ppublikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.



IL-PULIZIJA
tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtuna u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.


# EDITORJAL

## *Trasparenza, inkjesta u ġustizzja*

Sal-lum ma hemmx makkinarju legali fejn bordijiet indipendenti, ikunu jistgħu jinvestigaw 'Complaints' tal-pubbliku fuq il-Korp tal-Pulizija inġenerali jew fuq xi membru tal-Korp u wkoll dawk tal-pulizija fuq membru ieħor tal-Korp. Fil-fatt f'ħafna pajjiżi bħal l-Ingilterra, il-Canada u l-Awstralja, lkoll pajjiżi tal-Commonwealth bħal Malta, għandhom l-funzjoni ta' żewġ bordijiet indipendenti biex b'mod trasparenti jinvestigaw dawn it-tip ta' 'Complaints'.

Kulħadd jifhem illi ma tinħass l-ebda ġustizzja u inqas u inqas trasparenza jekk pulizija jkollu 'Complaint' fuq superjur tiegħu, per eżempju, u dan l-istess 'Complaint' jiġi nvestigat minn xi membru ta' l-istess korp. Għandna nimxu iktar il-fuq minn dan il-livell. Lord Dening, wieħed mill-aqwa imħallfin li qatt kella l-Ingilterra f'dawn l-aħħar 20 sena, kien qal li 'Justice must be seen to be done' u hekk hu!

L-ex President tar-Repubblika Dr. Vincent Tabone M.D. fil-ftuh tal-Parlament wara l-elezzjonijiet ġenerali ta' 1992 kien qal li matul din il-leġislatura għandhom jitwaqqfu l-'Police Complaint Authority' u l-'Public Complaint Authority'. S'issa dawn għadhom ma waslux pero nifmu li f'dawn is-snin li ġejjin ser jitwaqqfu. B'hekk wieħed ikun iktar liberu li jkollu l-'Complaint' tiegħu nvestigat bl-iktar mod serju, trasparenti u ġust.

L-istess fuq każijiet ta' Dixxiplina li sa issa jiġu deċiżi mill-Kap tal-Pulizija jiġifieri l-Kummissarju. Jien naħseb li wasal iż-żmien li dawn ukoll għandhom jiġu deċiżi b'mod verament indipendenti u li jkun hemm appell minn dawn id-deċiżjonijiet. Mhux l-ewwel darba li ċertu każijiet, l-istess ġudikant, ikollu interess fl-eżitu tal-każ u allura hawn stess għandek konflitt mal-prinċipju ewlieni tal-liġi naturali li jgħid, 'Nemo index in causam propiam'. Imbagħad biex tappella għandek titlob lill-Prim Ministru biex jikkonsidra t-talba.

Naħseb li din is-sistema fiż-żmienijiet tal-lum fejn d-dritt tal-'Fair hearing' għandu jkun protett il-ħin kollu, għandha titbiddel ukoll radikalment.

B'hekk kull membru tal-Korp għandu jkun kburi li kollox hu trasparenti u li l-ġustizzja verament tinħass li qiegħda ssir.

Supt. Dr. Angelo Farrugia LL.D.
Editur

# TISLIMA LILL-PRESIDENT

It-terminu ta' l-uffiċju ta' Dr. Ċensu Tabone M.D. bħala President tar-Republika ta' Malta, ġie fi tmiemu nhar it-Tnejn 4 ta' April, 1994.



Ċertament, Dr. Tabone wera lill-poplu Malti kollu li mexxa kemm dam fil-kariga ta' President, sens kbir ta' responsabilità u mparzjalità u ta' dan huma xhieda n-nies minn kull qasam tas-soċjetà Maltija.

Kull membru tal-Korp għandu jkun kburi li propju fl-aħħar diskors uffiċjali tiegħu f'Kastilja, Dr. Ċensu Tabone radd ħajr lill-Korp tal-Pulizija u tenna dan permezz ta' ittra li bagħat lill-kumissarju tal-Pulizija s-Sur George Grech fit-28 ta' Marzu, 1994 liema ittra qed tiġi ppublikata.

Aħna permezz ta' dan il-magazine nirringrazzjawh għal dak kollu li ta lill-pajjiż u nixtiequlu dak kollu li jixtieq hu fi snin li ġejjin.

## ITTRA TA' L-ONOR. ĊENSU TABONE LILL-KUMISSARJU

Fit-tmiem tal-Mandatt Presidenzjali tiegħi nixtieq nesprimi ir-rikonoxxenza għal dak kollu li l-Pulizija għamlet miegħi tul dawn l-aħħar ħames snin - servizz ta' sigurezza, skorta, għassa u xogħol ieħor li kien hemm bżonn minn żmien għal żmien.

Nixtieq l-ewwelnett inrodd ħajr lilek, waqt li nifraħlek għall-mod kif qed tmexxi l-Korp, u rrid nirringrazzja wkoll lill-Uffiċjali u l-Kuntistabbli kollha għall-għajnuna u effiċjenza tagħhom.

Insemmi wkoll l-għajnuna tal-Korp fil-manifestazzjoniet tal-Malta Community Chest Fund, li mingħajrha ma kienux ikunu possibli.

Nawgura lilek u lill-Korp hena u prosperità.

Inselli għalik,

**Ċensu Tabone**
**President ta' Malta.**



## IL-PRESIDENT IL-ĠDID DR. UGO MIFSUD BONNIĊI B.A. LL.D.

Nifirħu lill-President il-ġdid tar-Repubblika ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici.

Aħna l-membri tal-Korp niftakruħ għal xi żmien, Ministru tagħna lkoll. Il-bieb tal-Ministeru tiegħu kien miftuħ għal kulħadd u dan fih innifsu huwa eżempju ħaj ta' mparzjalità. Il-kwalitajiet tajba ta' Dr. Ugo Mifsud Bonnici huma magħrufa minn kulħadd.

Filwaqt li nifirħu lill Dr. Ugo Mifsud Bonniċi, nawgurawlu suċċess fit-treġija ta' pajjiżna.

# MALTA POLICE ASSOCIATION

## Assigurazzjoni għall-membri tal-Korp

mis-Segretarju PS 59 David Saliba

Għalkemm għaddew bosta snin minn meta pajjiżna spiċċa minn taħt il-Kolonja Ingliża frażi li kienu jgħidulna u li forsi tirrifletti l-karattru tagħna lkoll u li baqgħat magħna għal dawn l-aħħar snin hija 'Maltese gemgem'. Fil-passat ma tantx kont nifhem għala jgħidulna hekk iżda maż-żmien sirt naf u naħseb li wasalt biex sa ċertu punt naqbel magħhom ukoll. Madana kollu fost il-qwiel Maltin insibu 'jekk ma tibkiex ma tgħerdax'. Fil-pulizija għadna ħafna minn jibki, iżda l-aktar li għandna huma dawk li jistennew 'il-bajtra taqa' f'ħalqhom'. Fil-pulizija għandna bosta membri li jippruvaw jagħtu semhom, oħrajn jikritikaw kull ma jsir, filwaqt li hemm oħrajn li huma passivi u jimxu bħal nagħaġ ta' Bendu. Kif jagħmel wieħed jagħmlu l-oħrajn.

Għat-tieni darba kemm ilha mwaqqfa l-assoċjazzjoni, bl-approvazzjoni tal-Kummissarju l-membri bdew ifittxu xi kumpanija li kienet ipreparata tassigura l-membri tal-pulizija. Kienu ħafna ittri u korrispondenzi li ntbagħtu pero' ftit kienu ir-risposti tal-kumpaniji li wrew xi nteress li jidħlu għalina. Din il-kwistjoni tal-insurance għal membri tal-pulizija ilha ħafna żmien tħabbel bosta mħuħ, għax kemm l-ewwel darba li ġiet iproponuta ma tantx intlaqgħet tajba u sfortunatament din id-darba nista ngħid b'wiċċi minn quddiem li l-assoċjazzjoni kellha l-backing assolut tal-Kummissarju personali li għalavolja bniedem li diġa ta' il-massimu tal-ħajja tiegħu għall-korp tal-pulizija w issa qiegħed fil-quċċata. Jafeżatt mill-liema periklu jistgħu jgħaddu l-membru żgħar u r-riskji li l-membru tal-korp, iħallu wiċċhom magħhom.

Minn fost il-kumpaniji li wrew xi nteress fil-korp tal-pulizija kien hemm diversi laqgħat kemm minn naħa tal-assoċjazzjoni mal-kumpaniji kif ukoll bejn il-membri tal-assoċjazzjoni bejnietna. Wara li l-iskemi ġew studjati bir-reqqa intgħażlet waħda bħala 'health scheme' u oħra bħala 'insurance'. B'riżultat ta' dan kollu fi Frar inħarġet ċirkulari 8/94, fejn il-membri kollha mill-kbir saż-żgħir kellhom jindikaw billi jimlew formola maħruġa apposta u jindikaw jekk irridu jew irriduhx li jidħlu f'xi waħda jew iż-żewġ skemi. Ir-riżultat wara li għalaq iż-żmien ta' da l-eżerċizzju kien ta' diżappunt għalija personali u naħseb li għal sħabi ukoll. Kienu biss madwar 45% tal-membri tal-korp li għoġobhom japplikaw għal xi waħda jew oħra minn dawk l-iskemi proposti. Kien hemm min argumenta favur u kien hemm min argumenta kontra, oħrajn b'xi skuża ħarġu wkoll. Kien hemm min ukoll ippretenda li l-insurance għandha titħallas mill-assoċjazzjoni, oħrajn mill-gvern, oħrajn li kienu magħluqa ma tantx taw veduti, u l-membri ż-żgħar għandhom forsi mhux daqs tant konxji ta' x'hinu għaddej madwarhom. Kulħadd għandu moħħ u jaf jaħseb, x'hinu l-aħjar għalih u għal familja tiegħu.

Biex jiġu spjegata aħjar, dawn l-iskemi fix-xhur li għaddew kienet saret laqgħa fil-kwartieri Ġenerali għal-pulizija kollha u nġenerali fejn iż-żewġ rappreżentanti ta' dawn il-kumpanji spjegaw, b'mod ċar għal dawk preżenti għal xi diffikultajiet. B'ħila kbira, dawn iż-żewġ membri irrispondew kwalunkwe mistoqsija u iċ-ċaraw ħafna għajdut li ħarġu minn żmien għal żmien. Ħaġa fiċ-ċert kienet li l-mistoqsijiet kienu varji u ta' nteress għal kulħadd. Finalment dawk l-affarijiet li forsi ma jolqtux lili llum jista' jkun ta' nteress għaliha għadha. Aħna llum nafu li tkun stazzjonat f'post u jgħaddu erbat ijiem u tmur f'taqsima oħra, u dak li ma tantx wrejt interess fih illum ser ikun jikkonċernak direttament għada. Ta' min jgħid biss josserva li l-attendenza għal din il-laqgħa kienet kemm xejn fjakka u ħaġa li mpressjonatni personali huwa l-fatt li kien hemm bosta fizzjali u ftit membri mill-'other ranks' ironikament l-aktar li tikkonċerna hija żgur għall-other ranks, u għalhekk naħseb li hemm ħafna membri li qed jistennew il-bajtra taqa' f'ħalqhom. U mbagħad tisma' lil xi wħud jistaqsu biex jaraw x'sar u ma sarx jekk ma jikkritikawx ukoll, mingħajr ma jieħdu biss ftit interess.

Hija ta' għajb li ħafna mill-membri tal-korp għandhom memorja tant qasira u oħrajn ġodda ma jafux li meta fil-passat xi membru tal-korp weġġa' serjament jew tilef ħajtu fuq il-post tax-xogħol jew minħabba n-natura tax-xogħol tagħna il-familjari tagħhom baqgħhu mingħajr kumpens xieraq li tant u tant bagħtew finanzjarjament. Possibli insejtu dak iż-żmien meta l-pulizija marret tittallab għal donations mill-pubbliku għal-vittmi fl-għasses u fil-ground f'ta Qali. Ma nixtieqx niftaħ l-ebda pjaga jew ferita għal qraba ta' dawn il-vittmi imma ma nistax ma niftakarx lill-mibkija kollega tagħna Surġent Muscat u Kuntistabbli Hare li tilfu ħajjithom fl-isplużżjoni tal-patrol boat, lil pc Barbieri, Muscat u Cassar li weġġħu fl-isplużjoni tal-għassa ta' tas-Sliema jew lil kuntistabbli Gejtu Muscat li miet traġikament meta kien sejjer għax-xogħol, jew dak il-membru li safa vittma waqt hold-up. Li kieku din l-iskema tal-insurance għal membri kienet ipprovduta f'dawk iż-żmienijiet żgur il-familjari tagħhom ma sarux xi sinjuri iżda ta' l-anqas il-kumpens kien itaffi ftit mill-piż li diżgrazzji bħal dawn iġiebu.

Minn naħa l-oħra ninsab ċert li għal kemm ħafna membri ma attendewx għal-laqgħa jekk wieħed jispjegalhom aħjar x'toffri l-insurance żgur li jkun hemm rispons aħjar.

Għaldaqstant nisuġġerixxi li issir laqgħat distretwali bħal ma f'kull xahar issir mis-Supretendent tad-distrett, u l-membri tal-assoċjazzjoni terġa tagħmel sforz ieħor biex jiġu spjegati verbalment il-vantaġġi offruti u dan qabel ma tittieħed xi deċiżjoni finali.

BAP

BRONZSONS
AUTO PARTS LTD.
28 - 112 Brared Street, B'Kara.
Tel: 442119, 442212. Fax: 441921.



BONDING OF ALL KINDS OF
BRAKE SHOES FOR MOTOR
VEHICLES, FORK LIFTS,
TRAILERS AND
INDUSTRIAL MACHINES

CASIO
Malta's No.1
Selling Cash Register



POINT OF SALE SYSTEMS
WITH RETAIL STOCK CONTROL
& BAR CODE SCANNING

V.J. Salomone [Equipment] Ltd.
UPPER CROSS ROAD, MARSA. TEL: 242160, 234032. FAX: 242165

# ITTRI LILL-EDITUR

Għażiż Kummissarju;

Qed nikteb din l-ittra lilek għax inħossni fid-dmir li nirringrazzja lil dawk it-tlett membri tal-korp tal-Pulizija li kienu ta' għajnuna kbira għalija f'mument meta kont f'diffikoltà.

Nhar il-Ħadd 6 ta' Frar, tard filgħaxija minħabba l-maltemp, waqaft bil-karozza fit-triq tar-Rabat bejn H'Attard u Ta' Qali. L'unika soluzzjoni kienet li nħalli l-karozza fil-ġenb u nitlaq bil-mixi lejn ir-Rabat, minkejja l-maltemp.

Il-ħafna sinjali li għamilt lill-karozzi għaddejjin kienu għalxejn sakemm wara li kont mxejt mhux ħażin kienu dawn it-tlett membri tal-Korp, li kienu fuq patrol u li waqfuli, għall-għajnuna. Mal-ewwel wassluni sas-seminarju waqt li saqsewni jekk kellix bżonn xi ħaġa oħra, u kkonfermawli li kienu raw il-karozza u li kieku waqfu biex jiċċekkjaw.

Għalhekk din l-esperjenza tiegħi ta' diffikultà, spiċċat biex apprezzajt iżjed il-qalb ġeneruża u l-edukazzjoni fl-imġieba, li minkejja kollox hemm fuq il-korp, u li tassew l-istess korp hu magħmul minn persuni li d-dmir, ir-responsabbiltà u l-awtorità li jġorru, jgħixuhom b'servizz lejn iċ-ċittadin u b'fedeltà. U dan kien li wassalni biex nikteblek, biex nifraħ lilek, u lil korp waqt li nawgura li maż-żmien aħna lkoll flimkien nkomplu naħdmu biex il-posizzjoni tal-korp tkompli tirbaħ il-fiduċja tagħna lkoll.

Mill-ġdid grazzi u nkompli nitlob għalikom lkoll.

Għodni dejjem tiegħek.

**Rev. Eric Overend.**

## Iċċekkjar ta' vetturi

Għażiż editur

Qiegħed nikteb din l-ittra sabiex nesprimi waħda mill-problemi li qegħdin niffaċċjaw aħna l-pulizija, speċjalment dawk li jaħdmu fuq il-beat.

Ta' kull darba li jkollok bżonn tiċċekkja numru ta' karozza trid ta' bilfors taqbad mad-dipartiment tal-liċenzji u jekk forsi jimxxilek taqbad qabel il-5.00pm tiġi moqdi. Iżda jekk le trid tistenna sal-għada.

Jiena nixtieq insaqsi għaliex jekk ikollok xi 'hit and run' u din tinzerta tkun il-Ġimgħa filgħaxija trid tistenna li jasal it-tnejn sabiex tara liema kienet il-karozza?

Soluzzjoni naħseb li tista tinstab, ix-xogħol isir aħjar, u l-pubbliku jiġi moqdi mill-ewwel.

Filwaqt li inselli għalik, nirringrazzjak bil-quddiem.

**Winceslaw Spiteri PC 1363**

## Congratulations to the editor

On Monday the 28th March 1994, the editor Supt. Dr. Angelo Farrugia LL.D. was presented the warrant of an advocate by the Minister of Justice Dr. Joseph Fenech LL.D. at the Law Courts. This means that he can now practice Law in the Law Courts of Malta and Gozo and making him the only officer in the force to be in possession of such warrant.

Dr. Angelo Farrugia LL.D. is seen taking the oath on the 28th March 1994 before the Court of April presided by the Chief Justice Professor J. Mifsud Bonnici LL.D.



WHATEVER THE SETTING,
WE'RE ALWAYS JUSTIFIED;

WHATEVER THE PRINTING,
WE'RE ALWAYS BEST IN
THE LONG RUN;

WHATEVER THE BINDING,
WE'RE ALWAYS PERFECT;

WHATEVER THE JOB,
VOGUE OFFSET PRINTERS.

vogue

VOGUE OFFSET PRINTERS
A DIVISION OF VOGUE LABELS LTD

314, MDINA ROAD, QORMI, MALTA. - TEL: 498878, 487150. - FAX: 493337

# IL-PREZZ TAD-DROGA

Il-problema tal-abbuż tad-droga hija tant kbira l-lum li ma nistgħux inwarrbuha fil-ġenb. Din il-problema nfirxet f'kull sezzjoni tas-soċjetà.

L-effett ta' din il-problema qiegħda tidher fl-imwiet kawża tad-drogi, fl-'addiction', fil kriminalità u d-disordni. Qiegħda tidher fl-iskejjel, fil-postijiet ta' divertiment, fl-isport u fuq il-postijiet tax-xogħol. Fil-ħajja ta' kull jum ma tkunx ħaġa kbira li niltaqgħu wiċċ imb'wiċċ ma' drogat. Din is-sitwazzjoni qiegħda toħloq kultura ġdida fost iż-żagħżagħ li hija ferm perikoluża, il-kultura li għal kull problema u jekk trid ftit pjaċir is-soluzzjoni qiegħda fid-droga. Il-prezz ta' din is-sitwazzjoni fejn daħal dan il-vizzju huwa t-tifrik tal-familji u fejn tibda titfarrak il-familja jibda jitfarrak il-pajjiż. Għalhekk f'din il-problema huwa nvolut kulħadd u mhux għax uliedna mhux drugati ma natux każ. Illum it-tfal tal-ġar u għada min jaf. F'din il-problema lanqas ma hemm eta l-għaliex bil-mod il-mod qiegħed tibda tinvolvi ż-żgħar.

Ħafna minn dawk li qabdu dan il-vizzju ħasbu li setgħu jevitaw l-inkwiet li d-droga ġġib magħha. Dawn setgħu kien nies bħalek jew bħali li f'ħajjithom qatt ma kisru l-liġi u għalhekk qatt ma għandna nikkundannawhom. Dawn in-nies ħasbu li setgħu jikkontrollaw l-użu tad-drogi waqt li jieħdu kull tip ta' droga mal-ħbieb li jagħżlu.

Imma l-fatti juri, f'ħafna każi, li dan ma jiġriex. Madwar id-dinja, fl-aħħar snin, l-użu tad-droga llegali żdied b'rata allarmanti. Il-marijuana, l-eroina, il-kokajina, il-'crack', l-amfetamini, d-'designer drugs' il-'LSD' u sustanzi simili qegħdin jiġu abbużati minn miljuni ta' nies. Fil-pajjiżi fejn daħru dawn id-drogi żdiedet il-kriminalità. Dawn il-ħwejjeġ qegħdin jiġru Malta wkoll. Il-kriminalità li hija kawża tad-drogi hija ħafna u varja. Xi ftit minn din il-kriminalità hija nevitabli l-għaliex tinvolvi l-pussess jew il-konsum mill-persuna li tkun 'addict' (il-persuna bil-vizzju tad-droga). Hemm ukoll kriminalità oħra dik tal-bejgħ jew tat-traffikar tad-droga.

Id-drogi illegali huma wkoll marbuta mal-kriminalità mill-ħtieġa li jiġu mixtrija u prezzhom ma huwiex b'xejn. Għalhekk il-flus jgħaddu minn id għall-id. Il-persuna li tkun tixtieq tixtri d-droga jew li tkun saret dipendenti fuq id-droga, u għalhekk ikollha bżonnha, jista' jkun li ma jkolliex flus biex tħallas u għalhekk tista' iddur għall-kriminalità. Għaldaqstant imħallta mad-drogi llegali naraw is-serq, it-theddid, il-prostituzzjoni u ħafna forom oħra ta' attivita llegali.

Il-manifattura, id-distribuzzjoni u l-bejgħ tad-drogi huwa 'business' kbir ħafna. Dan ħafna drabi jkun jinvolvi kriminalità organizza u l-profit minn dawn ikun kbir ħafna.

Minn dan kollu toħroġ id-domanda, li għalkemm tidher bla sens hija fundamentali, x'tkun id-droga? Din id-droga li tagħmel l-iskjavi u toħloq daqshekk kriminalità. Id-droga hija kull sustanza li ġġib bidla fl-istat emozjonali tal-persuna, fil-funzjoni tal-ġisem jew fl-imġieba. Din id-definizzjoni tinkludi wkoll sustanzi li ħafna nies ma jikkunsidrawx bħala drogi bħal per eżempju l-kafe, is-sigaretti u l-alkohol.



*L-ispiżjar Mario Mifsud li jaħdem bħala analista fil-Laboratorju Forensiku.*

Għal ħafna nies id-drogi huma dawk is-sustanzi li jinxtraw minn spiżerija jew dawk is-sustanzi li jingħataw minn tabib għal skop mediku. Għalhekk id-drogi, jew kif iħobbu jsejħulhom ċertu nies mediċini, jiġu wżati ħafna sabiex inaqsu l-uġigħ, sabiex persuna tkun tista torqod u sabiex inaqsu l-ansjetà, it-tensjoni, in-nervożità u d-dipressjoni.

Meta mediċina tiġi mogħtija tajjeb il-ġid miksub minnha jkun kbir. L-użu tajjeb tal-mediċini jrid jiġi distint mill-użu llegali tad-drogi. Din id-distinzjoni tibda tiċċajpar meta nikkunsidraw il-lum kemm is-soċjeta tagħna saret tiddependi fuq id-drogi sabiex tgħaddi minn ġurnata għal oħra jew sabiex tibdel l-emozjonijiet tagħha.

L-alkohol u t-tabakk huma żewġ eżempji ta' sustanzi li ta' kull jum jintużaw bla rażan mis-soċjetà tagħna. Dawn is-sustanzi, li ħafna minn nies ma jikkunsidrawx bħala drogi, jafettwaw ix-xejra, l-imġieba u l-funzjoni tal-ġisem tal-bniedem. Tajjeb li hawn ngħid xi ħaġa fuq il-prezz li jrid iħallas persuna li jkollu l-vizzju tal-alkohol.

**Ix-xorb alkoholiku**

L-alkohol jistà jinstab u jinxtara faċilment. L-isem kimiku tal-alkohol huwa 'ethanol' jew 'ethyl alcohol'. Din is-sustanza tinstab f'ħafna varjeta ta' xorb u din ġeneralment tifforma waqt il-produzzjoni tax-xarba nfisha.

L-alkohol huwa droga li tħeddel is-sistema nervuża barra minn hekk hija wkoll sustanza li tikkawża l-'addiction'. Huwa maħsub li ż-żgħażagħ huma aktar suxxettibbli u sensittivi għall-effetti tal-alkohol milli huma l-kbar. Huwa possibli li wieħed isir dipendenti fiżikament u psikoloġikament fuq l-alkohol. Persuna issir fiżikament dipendenti l-għaliex tasal fi stat fejn jekk tiġi mċaħħda mill-alkohol tibda tħoss is-sintomi ħorox tal-'withdrawal' (sintomi tal-astinenza). Dawn is-sintomi jikkonsistu fi tregħid tal-ġisem, mard, tbaxxija tal-moral u nstabilità mentali. Dak li huwa magħruf bħala 'hangover', wara li persuna tkun xorbot ħafna alkohol il-lejl ta' qabel, huwa wkoll sintomu tal-'withdrawal' mill-alkohol.

L-aktar komuni hija d-dipendenza psikoloġika. Ħafna nies jgħidulek li biex jieħdu pjaċir f'party jew mal-ħbieb iridu jixorbu xarbiet alkoholiċi. Għalhekk biex tmurilhom il-mistħija, biex iħossuhom kunfidenti, soċjevoli u ċerti minnhom infushom ikollhom bżonn l-alkohol. Dawna jgħidulek li bla alkohol huwa

*ikompli pg. 11*

# Why bother to see others when the finest quality bathrooms from the world's largest manufacturers have been sold in Malta since 1934.




**Here you will find all you could possibly wish for.**

**ROGER SATARIANO & SON LTD.**

MSIDA VALLEY ROAD, B'KARA. TEL: 442769, 491017, 448628, 492548. FAX: 497017.

impossibli li tieħu pjaċir. Fi kliem ieħor l-alkohol jibda jsawwar it-tip ta' emozjonijiet li jkollhom u l-ħajja li jgħixu. Bla alkohol dawn ma jkunux jistgħu jirrijaġixxu għall-sitwazzjonijiet differenti. Hawn jibdew isiru dipendenti fuq id-droga tal-alkohol.

Sfortunatament il-parti tal-moħħ li l-alkohol jafettwa wara xarba kbira hija dik il-parti li hija responsabbli milli tagħmel id-deċiżjonijiet loġiċi u razzjonali. Aktar ma wieħed jixrob aktar ma jkunx kapaċi li jieħu deċiżjonijiet razzjonali u għalhekk jibqa' jixrob bla ma jieqaf. Hawnhekk is-sakranazz isir problema għall-familja. Bla ma ħafna minna nafu ħafna nies qegħdin jgħaddu mir-riskju tad-dipendenza u tal-'addiction' għad-droga tal-alkohol li tistà tikkawża problemi emozzjonali u mard fiżiku.

Sfortunatament ma tistax tgħid kemm jistà jixrob persuna qabel ma jiġi ntossikat mill-alkohol, biss din tista ssir malajr. Ħafna fatturi jinfluwenzaw l-effett tax-xorb, dawn huma t-tul ta' ħin li persuna tagħmel tixrob, ix-xejra tal-persuna fil-mument, it-tip u t-taħlit tax-xorb, il-piż tal-persuna, is-sess u l-istat ġenerali tas-saħħa. Meta wieħed jixrob l-alkohol waqt li jkun fi stat emozjonali, l-effett tax-xorb jista jkun akbar, bħal li kieku l-persuna tkun ħadet aktar alkohol milli fil-fatt tkun ħadet.



Ħafna nies jaħsbu li grokk wieħed ma jaffettwax il-mod li wieħed isuq, imma anki ammont żgħir ta' alkohol fil-ġisem jaffettwa il-funzjonijiet tal-moħħ u l-koordinazzjoni. Wara li persuna tkun xorbot minn tlieta sa erbgħa grokkijiet il-koordinazzjoni tkompli tonqos waqt li l-vista tiċċajpar u r-reazzjoni għall-istimuli tonqos. Jekk persuna tkompli tixrob ikun hemm nuqqas fil-bilanċ u għalhekk tibda tixxengel u n-nuqqas fil-koordinazzjoni tasal fil-limiti tagħha. F'din il-konċentrazzjoni l-alkohol jistà jwaqqaf in-nifs tal-persuna u jistà wkoll ikun fatali. Normalment qabel ma persuna tasal f'dan l-istat tintilef minn sensiha jew tibda tirremetti. Għalhekk wieħed għandu joqod attent milli jixrob ħafna alkohol li jistà jwassal għall-qtuh tan-nifs.

Il-birra u l-inbejjed 4 - 7% kontenut ta' alkohol
Inbejjed (fortified) 10 - 12% kontenut ta' alkohol
Spirti 40 - 55% kontenut ta' alkohol
Bħala paragun nofs pinta birra hija ekwivalenti għall-tazza nbid li hija ekwivalenti għall-tazza sherry li hija ekwivalenti għall-grokk whisky.

**L-effetti tal-alkohol fuq il-ġisem**

Wara li jinżel fl-istonku l-alkohol jgħaddi fid-demm mill-istonku u dan isir malajr. L-effett tal-alkohol jibda jinħass wara ħames jew għaxar minuti u l-effett jista jibqa' jinħass għal ħafna siegħat skond kemm ikun kbir l-ammont ta' alkohol ikkonsmat. Il-ġisem jittratta l-alkohol bħad-drogi l-oħra, bħala velenu, u għalhekk il-ġisem ikun irid ikissru, fil-fatt għaxra fil-mija biss mill-alkohol jiġi mormi mill-ġisem, il-kumplament jiġi mkisser b'enżima (kimika speċjali preżenti fil-ġisem) fil-fwied f'carbon dioxide' u ilma. Ir-rata li biha taħdem l-enżima fil-ġisem tibqa' l-istess f'kull ħin u għalhekk l-alkohol żejjed li l-enżima tal-fwied ma tkunx għada kisret jibqà fid-demm (il-fwied jieħu tlett siegħat sabiex ifarrak l-alkohol ta' pinta birra). L-alkohol li ma jiġiex imkisser jiġi ppumpjat mill-fwied għall-qalb u wara fil-moħħ. Huwa l-alkohol li jidħol fil-moħħ li jikkawża l-intossikament. Bħal ma jiġri ma' drogi oħra t-tolleranza tiżviluppa malajr u għalhekk l-effett tal-alkohol jiddependi fuq kemm il-persuna tkun is-soltu tixrob. Għal min ma jafx it-tolleranza huwa dak l-istat fejn il-ġisem bil-mod il-mod jidra d-droga, fil-każ tagħna l-alkohol u biex jieħu l-istess effett ikun irid iżid id-doża.

L-alkohol jaffetwa l-moħħ b'ordni partikolari. L-ewwel li jiġi affetwat huwa l-parti ta' quddiem tal-moħħ li l-funzjoni tiegħu huwa l-intelliġenza, il-kliem, il-ġudizzju u s-setgħa li wieħed ikollu fuqu nnifsu. Hekk kif l-ammont tal-alkohol jiżdied fid-demm aktar funzjonijiet li huma kkontrollati minn wara tal-moħħ ikomplu jiddettjoraw bħal ma hija l-koordinazzjoni. Il-konċentrazzjoni għolja ta' alkohol fid-demm toqtol ċelloli fil-moħħ li ma jerġgħux jiffurmaw. Tajjeb li hawn wieħed jgħid li kull persuna għandha miljuni ta' ċelloli fil-moħħ u f'ħajjitna ħafna minn dawn iċ-ċelloli jmutu u l-effett li jħallu fuq il-moħħ ikun minimu. Li jagħmel l-alkohol huwa li jikkawża rata għolja ta' mwiet minn dawn iċ-ċelloli u fuq perjodu ta' żmien jikkawża deterjorazjoni mentali u fiżika. Il-ġenn, nuqqas fil-memorja, nuqqas ta' ħass fl-idejn u s-saqajn, desperazzjoni fiċ-ċentru li jikkontrolla l-koordinazzjoni u konvulżjoni sseħħu fuq perjodu ta' żmien.

Maż-żmien is-sforz żejjed li jkun sar fuq il-fwied mill-abbuż tal-alkohol joħloq il-mewt taċ-ċelloli ta' dan l-organu u għalhekk jibda jaħdem inqas effiċjenti. Dan huwa magħruf bħala 'cirrhosis' li hija marda serja. Barra minn hekk dan l-abbuż jistà jikkawża problemi fl-istonku ('gastritis') b'ulċeri u tneħħija ta' demm fl-imsaren. Iċ-ċirkulazzjoni tad-demm fil-qalb tistà tiħżien waqt li l-maskultura ta' l-istess organu tgħejja u tiddeġenera u għalhekk jiġi kawżat attakk tal-qalb. Għalhekk huwa possibli li persuna tmut b'overdose ta' alkohol id-dardir u r-remettar jevita li persuna tilħaq dan l-istat ma dankollu r-remettar ġieli kien il-kawża ta' mwiet li nies fis-sakkra kienu mitlufa minn sensihom.

Kif wieħed jista jara l-prezz ta' dan il-vizzju huwa għoli ħafna. Ovjament l-effetti li semmejt iseħħu meta wieħed jixrob ħafna alkohol għal tul ta' żmien. Il-problema bl-alkohol hija li l-alkohol huwa droga li tikkawża l-'addiction'. Ħadd ma jkollu l-ħsieb li jsir sakkranazz meta jibda jixrob l-alkohol imma persuna tidħol f'dan il-vizzju bla ma tkun taf kif u wkoll bla ma tkun taf il-konsegwenzi li dan il-vizzju jġieb miegħu.

TELESYSTEMS

# ADVANCED TELECOMMUNICATIONS SYSTEMS CO. LTD.

**"TELESYSTEMS", Mannarino Rd., Birkirkara, Malta**
(near Manuel Auto Parts) Tel: 484445/6 Fax: 484440

*a visionary company with a tradition in excellence*

**OUR QUALITY PRODUCTS ARE BUILT**

**UP**

**TO VALUE AND STANDARDS...**

**CHEAPER PRODUCTS ARE OFTEN BUILT**

**DOWN**

**TO A PRICE!**

LANIER
Faxes, copiers, overhead projectors and LCD panels.

KYOCERA
laser printers

WYSE
computers and tailor made software

Southwestern Bell Freedom Phone
small telephone systems

GTH
hotel telephone systems

CUSTOMER VISION™

*Our job is to make our customers' problems our own, to satisfy their needs at a level above their expectations.*

# FL-INTERESS TIEGHEK...

## L-INVESTIMENT TAL-AWTORITAJIET FIL-PULIZIJA - PS 59 David Saliba



Kulħadd jistà japprezza l-investiment sostanzjali tal-awtoritajiet li qed tagħmel biex id-dehra ta' ċertu għasses ikun ta' livell nixtieq kemm mill-membri tal-pulizija li jkunu qed jaħdmu fihom u kemm mill-pubbliku ngenerali u li minn żmien għal żmien jagħmel użu mill-faċilitajiet tagħhom.

Dawk il-membri li forsi kellhom ix-xorti li jsiefru barra minn Malta u forsi zagħru xi għasses tal-pulizija barranin żgur li baqgħu impressjonati kif ċertu għasses huma mqassma u mibnija. Pajjiżna hu ferm iċken minn pajjiżi ġar tagħna u żgur li ħadd u qatt ma jippretendi li jkollna xi fitted carpet jew xi close circuit camera jew affarijiet sofistikati bħal dawn. L-ewwel nett għal fatt li fitted carpets żgur mhux addatat għalina, imma ċ-ċokon ta' Pajjiżna jirristringina minn ċertu għażliet.

**Ħtieġa ta' kwartieri akbar**
Li kieku kellna nibnu kwatieri tal-pulizija ġodda fejn ser taqbad tibnieh. Post ċentral aħjar milli għandna żgur li mhux ser jinstab, ftit minuti mill-belt kapitali tal-pajjiż. Ġol-Belt stess minn naħa l-oħra m'hemmx fejn taqa' labra aħseb u ara kemm wieħed jista joħlom li jibni kwartieri tal-pulizija ġodda. Lokalitajiet il-bogħod mill-belt żgur li ma jkunux addattati. Id-depot bħal ma jaf kulħadd mhux minn dejjem kien użat mill-pulizija kien f'Sta. Venera. Sa ftit taż-żmien ilu żgur li l-bini serva tajjeb għall-iskop tiegħu, iżda bħal ma jaf kulħadd ix-xogħol tal-pulizija sar aktar vast, daħlu u inħolqu aktar taqsimiet u dawn biex jaqdu l-ħtiġijiet mal-milja taż-żmien, u hekk kif espanda u tvarja ix-xogħol tal-pulizija l-ispazju tnaqqar. Huwa ħsieb li ta' min jaħseb fuqu li aktar m'aħna qegħdin nimxu l-quddiem aktar ser niġu bżonn aktar spazju, imma fejn? Problema bħal din mhux faċli tikkumbattija u wisq anqas hija faċli li ssolvija. Kieku kien hemm xi soluzzjoni faċli naħseb li diġa ttieħdet. Iżda hemm post partikulari fejn wieħed b'ċertu attenzjoni jista jasal biex jespandi ftit mhux ħażin, u dan mingħajr ma nieħdu jew inġorru d-depot minn fejn hu. Kull min hu midħla tal-kwartieri jaf sew li d-depot huwa struttorjament maqsum fi tnejn. Dik ta' fuq fejn hemm l-'administration' u dik ta' isfel fejn hemm is-C.I.D., Security, u l-forensika u d-Data. etc. Fuq wara tal-blokk forensiku u data Centre hemm għoli mhux ħażin u spazju kbir. Minn dan l-ispazju nofsu huwa utiliżatt bil-bini tal-iskola tal-gvern u nofs l-ieħor m'hemm xejn.

Ma nafx jekk teknikalment hux possibli pero' fl-opinjoni tiegħi għandhom jinbnew blokkok jew blokk wieħed ta' uffiċini fornuti b'lifts u kumditajiet oħra moderni li jiġi aċċessibbli b'permezz ta' bridges minn naħa għall-oħra mid-depot preżenti, bħal ma ngħidu aħna hemm mill-bini tal-qorti għall-bini tal-'Annex' il-ġdid. Dan il-bini jista jitla għoli li jilħal il-livell tal-blokk forensiku tal-lum. Peress li dan il-blokk ikun għoli, il-livell ta' taħt jistà jiġu utilizzata mid-dipartiment tal-edukazzjoni u dan biex jikkumpensa ftit għall-ispazju li jkun ġie meħud.

Aċċess għal dawn l-uffiċini l-ġodda għal-pulizija jistà jsir mill-entraturi preżenti kemm dik ta' isfel jew dik ta' fuq. Ninsab ċert li hawn f'Malta għandna periti kapaċi li jiddisinjaw blokk ta' uffiċini li jaqdu l-ħtiġijiet tagħna mingħajr ma jħassar l-ambjent tas-swar.

**L-Istat ta' l-Għasses**
Kif qiegħed fuq is-suġġett tal-bini tal-għasses tal-pulizija nixtieq insemmi l-istat ħażin li jinsabu ċertu għasses.Għasses li ma joħolqux ambjent tajjeb la għal pulizija li ta' kuljum ikollhom iqattgħu diversi siegħat u l-anqas għall-membri tal-pubbliku li minn żmien għal żmien jidħlu fl-għasses tagħna. Konxju ta' din il-problema li ilha magħna bosta snin wieħed jistà jgħid b'wiċċu minn quddiem li inbdew diversi xogħolijiet biex jittranġaw u jittiebu d-dehra ta' bosta għasses tal-pulizija. Ma nistax ma nsemmix ix-xogħol ta modernizar li għaddej preżentament fl-Għassa ta' tas-Sliema, San Ġiljan u bosta oħrajn. Minn jifrekwenta d-depot wieħed jista japprezza wkoll ix-xogħol li qed isir fil-bitħa tas-C.I.D. Ambjent nadif u sabiħ li jolqot l-għajn. Veru għad hemm diversi għasses li forsi għandhom bżonn ta' aktar 'maintenance' u j'Alla ħadd wara ħadd tasal ta' kulħadd. Iżda wieħed ma jistax jgħid li l-għasses kollha huma żdingati għajr forsi bżonn ta' xi ftit żebgħa u tindifa sew. Hija ta' mistħija u għajb għalina lkoll meta tara għasses tal-pulizija maħmuġa u li forsi kull ma jkunu jridu huwa daqsxejn ta' 'Spring Cleaning' darba kultant. L-Ambjent tal-post tax-xogħol tagħna noħolquh aħna stess allura m'aħniex kapaċi nżommu ftit nadif.

**Il-Maġġuri tad-distretti**
Il-Maġġuri tad-distretti u ta' kull taqsima għandhom mhux biss id-dmir imma l-obbligu li jaraw li l-għases jinżammu fi stat tajjeb u nodfa. Iżda dan qiegħed isir? Il-maintenance f'kull għassa trid issir u ħadd ma għandu jħalli l-affarijiet żgħar għal ħaddiema tat-trades li maħnuqa bix-xogħol. Ninsab ċert li f'kull distrett hemm pulizija kapaċi jmidd idejh, allura dawn m'għandhomx jiġu darba kultant utiliżżati.

Naħseb li ma tridx tkun xi espert fl-'interior decorations' biex darba kultant tingħata daqqa ta' pinzell.

Mela ejja ma narawx it-tibna f'għajn ħaddieħor meta għandna travu f'għajnejna stess. Jekk kulħadd jagħti sehemu l-post tax-xogħol tagħna lkoll jkun aħjar u jgawdi kulħadd.

INA

Assitalia

# WORLDWIDE PERSONAL ACCIDENT PLAN

# Ask yourself the following question...

## If you died unexpectedly or suffered disablement would your family have sufficient income to continue to live in the manner they are used to?

- ✔ Up to Lm50,000 in respect of Death or Permanent Disablement.
- ✔ Worldwide 24 hours 365 days a year cover whether at work, at home or on holiday.
- ✔ No Medical Examination required.
- ✔ Benefits received are not subject to taxation or other duties.
- ✔ You do not have to prove who was responsible for the accident when you make the claim.
- ✔ You can include your husband or wife & children under the Policy at a nominal cost.
- ✔ Premiums can be paid by Credit Card.
- ✔ 15 day "cooling-off period" with full refund of premium.
- ✔ Benefits under this Policy are paid in addition to any other insurance policies which you may have including any Policies arranged by the employer.
- ✔ Benefits are paid directly to you or your legal dependents.
- ✔ Weekly benefits are payable for up to 2 yrs.
- ✔ Hospital Cash Benefits of Lm12 per day for every day you spend in hospital due to an accident.

✔ A SIMPLE AND PLAIN LANGUAGE POLICY WORDING.

SEND FOR OUR BROCHURE & APPLICATION FORM BY FILLING IN & RETURNING THIS COUPON TO:

CITADEL
INSURANCE SERVICES LTD.
'WISELY HOUSE', FIRST FLOOR
206 OLD BAKERY STREET, VALLETTA VLT 09

NAME: ______________________

ADDRESS ______________________

______________________

POST CODE ________ TEL NO. ________

## There are countless reasons why you should insist on Personal Accident Insurance. Did you know that...

- Accidents are the leading cause of death for people under age 38?
- In Malta during 1992, 25 persons were killed in traffic accidents and 200 were seriously injured?
- Over 8000 workers suffer injuries at work?
- 95% of breadwinners in Malta do not provide sufficient financial protection for their family in the event of their untimely death or disablement?

*Personal Accident Insurance is therefore not a question of conscience or obligation - it is common sense!*

# PAĠNA GĦAN-NISA

## HAIR CARE - by WPS 21 J. Scerri

In this issue I am going to write about hair care. I have noticed through the years that hair is not given so much importance, women in general tend to give more importance to their face, their body and the clothes they wear. These should all be taken care of, but, we must try not to neglect our hair, for it accounts for a large proportion to our good looks. Yet often we make the mistake of thinking only of style and not about the condition. It is useless making it a point to style our hair, give it a new look, without taking good care of it. It would be much better for us to have healthy and glossy hair instead of dull looking hair.

Hair is composed of keratin, with a soft inner core (medulla), a central cortex and protective outer layer of cuticles. Human hair does not grow continuously but in cycles. Each hair grows for between two and six years and during this time it grows on average half an inch a month. Then there is a resting phase, which lasts a few months before the hair falls out. Of course different hairs fall out at different stages, otherwise we'd all be periodically bald. But this explains why the detrimental effects of ill health on our hair may not show up until several months later. It is quite normal to shed between forty (40) and hundred (100) hairs a day.

To keep your hair looking its best, natural oil must be retained, stimulated and replaced. Brushing and scalp massage are the answers. These rules still apply for those who have oily hair. Though brushing may appear to aggravate the condition to begin with, the oil glands when regularly stimulated, will gradually secrete less oil. Start by combing your hair to free it from tangles. Now brush the hair from the hair lines to hasten the flow of the blood to the head. Bend low as you brush or, sitting down brush with the head upon the knees.

Shampoo your hair as often as is necessary for the condition of your particular type of scalp and hair (see table below). Once a week is the minimum but once a day is not necessarily too often. If you shampoo your hair frequently it is more sensible to lather your hair only once not twice as is usually indicated on the instructions. Use light pressure to message the scalp all over with small circling movements of the fingertips and hands. Be certain that your scalp moves and not just your hands. Work firmly but gently into the hairline and surrounding area where traces of dirt and make-up tend to settle. Take the ends of your hair between your palms and rub to clean well. Rinse the head thouroughly over. This is very important so as not to leave any residue on the head, as shampoo traces left in the hair will only give it a dull look.



*WPS 21 Josanne Scerri*

To protect hair from weather conditions and changes in temperature is through conscientious conditioning. Skin moisturisers seal moisture in the skin and protect it from evaporation. Hair conditioners do a similar job. Most conditioners have an acid pH rating which helps close down the hair cuticles and makes for maximum gloss and shine. Cream rinses, which are conditioners in diluted form, and herbal rinses are ideal for regular use after shampooing.

Combs and brushes should also be washed regularly. Just soak them in a bowl of soapy hot water. When buying combs or brushes make sure you get the best. Natural bristle or a bristle of nylon mixture are used for best quality brushes. While combs made of bone are the best you can get.

Pay extra attention if you blow dry your hair frequently, too much heating will definitely damage your hair. Never keep the blow dryer close to your hair and use a suitable brush for syling. Trim your hair every eight weeks to avoid any split ends. Protect your hair from the sun, especially during summer time. Always wear a hat when you go to the seaside to protect your hair from the sunrays.

### HAIR CARE ROUTINE

| HAIR TYPE | Shampoo | Conditioning rinse | Deep conditioning treatment |
|---|---|---|---|
| Oily | 4 - 7 times a week | After every shampoo, but on ends only | In Summer or when hair becomes dry |
| Normal | 2 - 3 times a week | After every shampoo | Every 2 - 3 months |
| Dry | 1 - times a week | After every shampoo | Once a month |
| Combination | 3 times a week | After every shampoo, but on ends only | Every 2 - 3 months |
| Over-processed or damaged | Once a week | Occasionally as alternative to treatment | After every shampoo |



®Knorr
The brand of
Swiss
quality
Knorr®
The brand of
Swiss
quality
Instant
Clear
Chicken Broth
Quality controlled
by KNORR Switzerland
Exclusive distributor
in Malta and Gozo:
Vadala Co. Ltd., Valletta.
Tel: 449592, 449266

# FOCUS FUQ...

## Tagħrif miġbur mill-Ispettur R.G. Zammit

F'din it-tielet sensiela sejrin nagħtu ħarsa lejn l-isport favorit li jħaddan il-Kuntistabbli PC 1475 Eddie Bonello (Il-Pitazz). Eddie huwa magħruf ħafna għat-taħriġ ta' TRIALS tal-Muturi. Daħal fil-Korp seba snin ilu fejn illum huwa stazzjonat ġewwa l-Special Assignment Group, S.A.G.

Fis-sensiela li jmiss sejrin noħorġu mill-S.A.G. hu niltaqgħu ma' membru ieħor magħruf ħafna minn sħabu, is-surġent...



*Waqt taħriġ fil-Greċja (1993)*

Kif aħna ħbieb? Ser nerġgħu nagħtu bidu għas-sensiela bl-isem ta' FOCUS FUQ... Wara li kont ġo tajt bidu għal din is-sensiela, fejn fiha ntwera t-talent ta' żewġ membri cioe l-ispettur Pierre Calleja bħala footballer kif ukoll tas-surġent 184 S. Caciattolo bħala judako, din id-darba sejjer nagħti analiżi tal-kuntistabbli PC 1475 Eddie Bonello li huwa stazzjonat ġewwa l-S.A.G. Rescue team.

Eddie jipprattika u jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet bil-muturi jew kif inhuma magħrufin aħjar bħala t-TRIALS.

Eddie ġej minn familja kbira, b'ħutu s-subien kollha nistgħu nsejħulhom professjonali f'dan l-isport. Dan it-tip ta' sport mhux biss qiegħed fi ħdan il-familja Bonello iżda isib wkoll li wieħed mill-aħwa huwa ċ-Champion ta' Malta, b'ħutu l-oħrajn jiġru warajh għal xi rebħ ta' xi kampjonat. Ta eta żgħira cioe ta' (15) il-sena Eddie ħa sehem f'diversi kompetizzjonijiet fosthom internazzjonali, bl-aktar waħda mfakkra tkun dik ta' meta ppartecipa ġewwa Avadia l-Greċja l-1993.

Bħala suċċessi, Eddie kellu ħafna kemm Malta kif wkoll barra fejn fl-aħħar Trials barra minn Malta spiċċa fis-sitt post minn fost diversi kompetituri minn ħafna pajjiżi.

Fil-mument Eddie qiegħed jittrenja bis-sħiħ għal-kompetizzjoni li jmiss ġewwa Malta f'Mejju li ġej u fejn qiegħed jaspira li jirbaħ ukoll. Ta sodisfazzjon Eddie jgħid li s-suċċessi kollha li għandu kif ukoll il-mod kif qiegħed iħares għal ġejjieni jafu kollu kemm hu lill-familja tiegħu li tant tissapportjah. Mhux ta' b'xejn it-tifel tiegħu ta' eta żgħira ħafna (10) snin diġa wera x'potenzjal sejjer jkollu f'dan l-isport.

Niġu issa għal xi tagħrif ieħor.



| | |
|---|---|
| Isem sħiħ | Eddie Bonello |
| Data ta' twelid | 18.3.61 |
| Miżżewweġ | Iva |
| Tfal, tnejn | Frederick u Donna |
| Karozza | Ferrari |
| Sport ieħor favorit | Li jkun stunt kif ukoll sport fuq is-silġ. |
| Tifkira posittiva | Bidu tajjeb ħafna fit-Trials. |
| Tifkira negattiva | Meta weġġa jdejh u dam ħafna barra mit-taħriġ. |
| Ikel favorit | Ikel Malti fniek u ħut. |
| Sportiv favorit | Sig. Vetterini ex. champion francis tal-muturi. |
| Sportiva favorita | Helen Axiaq. |
| Suċċessi | It-Trials kemm ġewwa Malta kif wkoll barra minn Malta. |
| Postijiet li sar | Italia, Greċja u Ingilterra. |
| Bniedem influwenti f'ħajtu | Missieru. |
| Bniedem influwenti barrani | Si. Arnone (President tat-Trials) |

Mistoqsi x'jixtieq jara fil-futur kemm rigward dan l-isport kif ukoll fuq sport ieħor, PC Eddie Bonello qalilna li jixtieq li jkun hemm aktar għajnuna finanzjarja min-naħa ta' l-istat kif wkoll biex kemm jista jkun jgħin f'dak li jista biex jinqatgħu l-vizzju tad-drogi minn fost iż-żgħażagħ kif wkoll vizzjijiet oħra.

Minn din il-paġna nixtiequ lil PC Bonello aktar suċċessi.



*Fil-Greċja (1993)*

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**MOSTA BYPASS, MOSTA, MALTA**

Telephone: 432222, 410111
Fax: 412299

# 'IL-PULIZIJA' JAGĦLAQ 17 IL-SENA

## minn PC 512 M. Ellul

Kien propju f'Mejju ta' 1977, 17 il-sena ilu, meta l-Association tal-Pulizija ta' dak iż-żmien kienet tat il-ħajja għall-ewwel ħarġa tal-magazine 'Il-Pulizija'.

Għall-ewwel xhur, il-pulizija kienu ġew mitluba jgħinu billi jħallsu għal dan il-magazine sabiex seta' jinħoloq fond minfejn kienu setgħu jitħallsu l-ispejjeż. Pero din il-proċedura ma tantx damet għaliex meta l-M.P.A. kienet f'pożizzjoni li jtih b'xejn lill-membri tal-Korp, dan għamlitu minnufih.

Tul dan iż-żmien li ilu jiġi ppublikat dan il-magazine, mhux kollox kien ward u żgħar u l-problemi ma naqsux. Kien hemm perjodu li beda joħroġ kull xahar pero kellu jiġi maħruġ kull xahrejn minħabba xi intoppi li kienu inqalgħu. Kien hemm perjodu ieħor fejn anke kellu jieqaf għal xi ftit żmien, iżda b'determinazzjoni u sagrifiċċju ta' kulħadd erġajna bdejna nippublikaw il-magazine regolarment kull xahrejn.

Illum ninnotaw illi permezz ta' din l-unika vuċi li għandu l-Korp tal-Pulizija, wieħed jista jikteb dwar ilmenti li jista għandu fil-paġna mill-ittri tal-qarrejja, jinkitbu ittri ta' ringrazzjament mill-pubbliku lill-membri tal-Korp u qed jiġu ppublikati artikli ta' ċerta valur etċ. Dan ċertament kien il-ħsieb ta' l-ewwel Bord Editorjali u li huwa l-istess ħsieb tal-Bord Editorjali tal-lum.

Għalkemm il-magazine tagħna qed joħroġ regolarment kull xahrejn żgur li għad baqa ħafna aktar xi jsir, u bi ftit aktar ħeġġa u entużjażmu ninsab ċert li l-livell tiegħu jitjieb għall-beneficċju ta' kullħadd.

F'għeluq is-17 il-sena, l-Editur u l-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur George Grech ta' l-appoġġ kontinwu li tagħna, lill-membri ta' l-ewwel Bord Editorjali u lill-Bordijiet kollha li taw sehemhom. lill-aġenti u d-ditti li jgħinuna billi jippublikaw l-avviżi bi ħlas u lill-Vogue Offset Printers fejn qed jiġi stampat dan il-magazine u lil kull min b'xi mod jew ieħor ta' sehmu jew qed jagħti sehmu biex dan il-magazine jibqa' ħaj daqs qatt qabel.






**Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant and powders, sporting ammunitions and Deep Rock Drilling machines**

**PULVICH EXPLOSIVES**
**Ind. Ltd.**
**Sta. Barbara Works**
**L'Hfar Dingli**
**459621/459622**

# GASAN INSURANCE

## GIVING A GOOD SERVICE MEANS A LOT TO US

**General Accident** and **Gasan Insurance** combine to provide a superior service which reflects quality, experience and integrity.

We provide a full service from our modern and centrally located Head Office in Gzira and we also operate Sales Offices in Valletta and Sliema, apart from a network of representatives throughout Malta and Gozo.




GA
General Accident
A Leading European Insurance Company

Gasan Insurance
Agency Ltd
Head Office, Msida Road, Gzira
Tel: 345 123 Fax: 345 377

# JINFETAĦ L-UFFIĊJU GĦAR-RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI

**minn PC 963 R. Bountempo**

F'dawn l-aħħar snin kienet qed tissemma l-possibiltà li jkollna l-PRO tagħna, u bħala l-ewwel kuntistabbli li ġejt stazzjonat f'din it-taqsima, ħassejtni fl-obbligu li nikteb dan l-artiklu. Sa fl-aħħar l-uffiċju tant mistenni tar-Relazzjonijiet Pubbliċi, jew aħjar kif inhu magħruf, l-uffiċju tal-PR qiegħed jiffunzjona, b'effett minn Frar tal-1994. Għalkemm it-triq mhix waħda faċli, jien ċert li bir-rieda t-tajba nistgħu nasslu biex nilħqu u nwettqu l-għanijiet tagħna. Bla dubju ta' xejn la darba dawn l-għanijiet jinlaħqu, se jħallu impatt ferm pożittiv fuq il-Korp tal-Pulizija kollu kemm hu. Fil-fatt nista' ngħid li wara biss ftit ġimgħat mill-ftugħ tiegħu, dan l-uffiċju diġa' stabbilixxa numru ta' kuntatti li żgur se jkunu ta' għajnuna għall-ġejjieni.

Ma' l-ewwel ġurnata xogħol li għamilna kien hemm xi spekulazzjonijiet min-naħa ta' xi wħud li jsejħu lilhom infushom ġurnalisti. Intqal li l-Uffiċju tagħna kien qed jitmexxa minn persuna ta' Nazzjonalita Ingliża. Huwa veru li kien hawn bniedem ta' din in-nazzjonalità li kien qiegħed jagħti kontribut fuq bażi konsultattiva, iżda nixtieq niċċara li dan l-uffiċju qatt ma kien qiegħed jitmexxa minn din il-persuna. Irrid inżid li mhux etika ġurnalistika li tapprofitta u tieħu gwadann minn sitwazzjoni fejn persuna tkun rikoverata l-isptar, u tgħaddi kummenti sarkastiċi fuq saħħet l-istess persuna. Nispera li minn kellu jifhem, fehem.

Rigward il-funzjonijiet tagħna irrid ngħid li huwa varji u jrid jgħaddi ċertu żmien biex wieħed jistabbilixxi eżattament fiex jikkonsistu dawn il-funzjonijiet. Fil-fatt minbarra r-Relazzjonijiet Pubbliċi ta' min isemmi li fi ħdan l-Uffiċju hemm inkorporat l-Uffiċju Stampa tal-Korp, li bażikament għandu x'jaqsam mal-Media in ġenerali. Waħda mill-affarijiet li se naħdmu fuqha hi li nkomplu ntejbu r-relazzjonijiet mal-istampa (Mass Media). Għalkemm f'dan il-perjodu għandna kuntatti li nistgħu nsejħu tajbin, dejjem hemm lok fejn wieħed jirranġa. Aħna se nkunu l-post minn fejn se toħroġ ċertu nformazzjoni u aħna rridu li jkun hemm uniformità assoluta fl-aħbarijiet li nagħtu f'dak li jirrigwarda l-Korp tal-Pulizija. Hawnhekk nappella lil kull membru fil-Korp biex ma tmurx "tiżloqlu" xi kelma żejda li tistà tagħmel aktar ħsara milli ġid. Ta' min ifakkar li ċerti ġurnalisti jagħmlu minn kollox biex jinqdew bina u biex jieħdu dak li jridu minn għandna. Ħafna drabi jirnexxilhom minħabba li aħna ma nkunux sodi biżżejjed fil-karattru tagħna. Il-ġurnalisti serji jammiraw lil dak il-Pulizija li hu responsabbli u mhux lil dak li lest li jmur kontra s-segretezza li jkun ħalef li sejżomm meta ħa l-ġurament tal-ħatra. Hu bniedem bla valuri dak li jitradixxi l-sħabu biex jidher ħelu hu. Iżda ibqgħu ċerti, li fl-aħħar mill-aħħar ma jkun fdat minn ħadd, l-anqas mill-istess ġurnalist.



Ma rridx li taħsbu li jien xi bniedem polemikuż, iżda fejn tidħol is-serjetà hemm bżonn li nkunu aktar konxji ta' dak li nkunu qegħdin nagħmlu.

Għalissa għandna kuntatti ma xi organiżżazzjonijiet li lesti li jipprovdu taħriġ professjonali u ntensiv fuq dan it-tip ta' xogħol. Ta' min isemmi li diġà attendejna seminar ta' ġurnata ġewwa l-Hilton, organizzat mill-Awtorità tax-Xandir u li kien intitolat "Bilanċ u Imparzjalita' fix-Xandir", il-kelliema kienu ta' livell tajjeb ħafna. Hawnhekk nixtieq ngħid grazzi 'l-kummissarju, s-Sur George Grech talli għoġbu jagħtini l-opportunità li nkun preżenti waqt dan is-seminar, li kien suċċess u li kelli esperjenza pożittiva ħafna minnu. F'din l-okkażjoni ħadt l-opportunità li nagħmel ċerti kuntatti ma persuni prominenti f'dan il-qasam u nista' ngħid li kollha lesti li joffru l-għajnuna tagħhom fejn meħtieġ. Hija ħaġa pożittiva li jkollok appoġġ minn dawn l-organiżżazzjonijiet għax b'hekk ikollna speċi ta' garanzija li se naħdmu id f'id. S'intendi f'kull taqsima fi ħdan il-Korp hemm riskji li wieħed irid jieħu. Anke l-P.R. Office hemm bżonn li tirriskja, pero' dejjem għandna nżommu f'moħħna li hemm ċerti limiti li rridu nosservaw. Riskju nistgħu niltaqgħu miegħu hu, li tistà tiġi ppublikata xi nformazzjoni li tistà b'xi mod jew ieħor titfà dell ikraħ fuq il-Korp tal-Pulizija u ma ningħatawx iċ-ċans li nirrispondu għal din l-informazzjoni (kritika). Żgur li aħna se niġġieldu biex meta' jkun hemm xi kitba f'dan is-sens, ikollna l-opportunità li nagħtu tweġiba prominenza fl-istess publikazzjoni, biex b'hekk il-qarrej ikun jista' jivverifika fl-istess waqt li jkun qara' l-artiklu. Dan li għadni kif semmejt jistà jsir possibli jekk kull wieħed u waħda minna nagħmlu dak kollu li hu umanament possibli, dan dejjem biex intejbu l-"image" tal-Pulizija in-ġenerali.

Nixtieq nieħu l-opportunità u nirringrazzja lill-Kummissarju u l-Uffiċjali kollha konċernati li b'xi mod jew ieħor qegħdin jgħinu fis-"set-up" ta' dan l-uffiċju. Nirringrazzja wkoll lill-Bord Editorjali ta' "Il-Pulizija", li għoġobhom jagħtuni l-opportunità li nesprimi l-fehmiet tiegħi f'dan l-ispazju provdut minnhom. Grazzi.

# GHAQDA PULIZIJA PENSJONANTI

Kelmtejn mill-President

**Għeżież Pensjonanti,**

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill fit-18 ta' Frar ġie approvat li għandu jitwaqqaf "LADIES CIRCLE" u għal dan il-għan, fit-2 ta' Marzu, saret l-ewwel laqgħa fl-uffiċċju tal-Malta Police Association, taħt it-tmexxija tas-Seg. Fin. Chev. V.P. Zahra u l-Ass. Seg. J.B. Azzopardi. Iż-żewġ sinjuri nisa li attendew kienu s-sinjura D. Brincat miż-Żejtun u s-sinjura J. Falzon minn Naxxar, it-tnejn mart pulizija pensjonanti. Jidher li għad fadal xi jsir sabiex jintlaħaq l-iskop tas-Circle. Nerġà nappella għal aktar voluntieri sabiex iċemplu lis-sur Azzopardi (333276) biex inkomplu it-triq li qbadna.

Insellmilkom

**A.J. Saliba.**

**Liġi dwar il-Volontarjat**

Billi hawn il-ħsieb li l-Gvern jgħaddi liġi dwar is-sehem ta' għaqdiet volontarji aħna ħadna l-inkarigu li l-Għaqda tagħna tiġi msejħa biex tiddiskuti l-allozz ta' din il-liġi qabel ma titressaq fil-Parlament.

**Fl-180 Anniversarju tal-Korp**

Minn dawn il-kolonni nixtiequ li l-membri tagħna jsegwu l-programm ta' attivitajiet li ser jorganizza l-Korp f'għeluq il-180 anniversarju f'Lulju li ġej. Żgur li l-pensjonanti ser ikollhom iċ-ċans li jieħdu sehem f'xi avvenimenti.

**Nifirħu**

Nifirħu lit-tlett membri tal-Għaqda s-sinjuri Roger Bugeja, George Bristow, u Joseph Mansueto meta dan l-aħħar ġew eletti bħala Kunsillieri għal-lokalità rispettiva tagħhom, iġifieri dik ta' l-Imdina, l-Isla u ż-Żejtun. Aħna nawgurawlhom kull suċċess fil-ħidma tagħhom u nistennew lill-membri u l-familji tagħhom li joqgħodu f'dawn il-lokalitajiet jikkoperaw bis-sħiħ magħhom. Prosit!

# L-INTERVISTA - minn A.J. Saliba

Fl-aħħar jum tas-sena 1993 il-President u s-Segretarju Finanzi tal-Għaqda, Chev. V.P. Zahra, għamlu żjara lill-ex-PS 598 John Amaira għand waħda mit-tfal tiegħu fil-Birgu. John, ta' 79 sena, huwa armel u ma jgħix waħdu iżda jqatta' l-ġranet tiegħu għand xi waħda jew wieħed mis-sitt ulied li huma kollha miżżewġa. Sa issa huwa nannu ta' ħdax u biżnannu ta' żewġt ibniet.



**Kważi dejjem Bormla**

Amaira kien daħal fil-Korp bħala Reservista bin-numru 118 fl-1935 u xogħolu kien li jgħasses it-tankijiet taż-żejt u petrol li kienu jaslu minn barra fil-port ta' Birżebbuġa. Sar tal-post

fl-1 ta' Settembru 1937 meta ħa n-numru 598 u għal xi seba' xhur kien jagħmel għassa tas-Sliema. Wara li qatta' sena l-Belt Valletta ġie trasferit għal Vittoriosa li dak iż-żmien kien il-Headquarters tal-Eastern District. Fl-1948 laħaq Surġent u baqa' jaħdem fid-"D" Division li tkopri Bormla, l-Isla, l-Birgu u l-Kalkara. Nistgħu ngħidu li kważi beda s-servizz tiegħu hemm u temmu hemm sa l-aħħar ġurnata meta rtira bil-pensjoni fil-31 ta' Diċembru, 1963, eżattament għeluq it-tletin sena minn meta saritlu din l-intervista.

## Żmienijiet iebsa fil-Gwerra - Żewġ Inċidenti

Fi żmien tal-gwerra ħadem taħt is-Supritendent Borg Cardona. Kellhom ħafna xogħol f'dan id-Distrett u John, jew Ġanni kif isibu kulħadd, jirringrazzja 'l Alla ta' kemm il-darba ħelisha mill-mewt. Ftakar li darba waqt li l-lanċa li kienet issalpa bejn il-Birgu u l-Belt kienet mimlija bil-passiġieri lesta għat-tluq, daqq Air Raid Warning u kienet l-użanza li kulħadd jinżel minn fuq il-lanċa u b'ġirja waħda jerħilha għas-Sagristija tal-Parroċċa ta' San Lawrenz. Ġara li bomba waqgħet fuq is-Sagristija b'riżultat li kienu mietu 16-il ruħ u b'ħafna nies korruti. Wara li ssejħu tad-Demolition u bdew ineħħu t-tifrik nstabet mara taħt l-irdumijiet ħajja. Dak iż-żmien ta' gwerra mhux dejjem kien jissejaħ il-hearse għal ġarr tal-mejtin. Infatti wieħed minn dawk li mietu f'din it-traġedja ħaduh mgħotti fuq 'stretcher' bil-pass il-pass fuq l-ispalel jew fuq l-idejn sal-bidu ta' Ħaż-Żabbar fejn kien jgħix. L-Għassa tal-Birgu dak iż-żmien kien temporanjament f'dar fi Triq San Ġwann. Tant kienu soġġetti għal Air Raids f'dak l-inħawi li saħansitra l-membri tal-Korp fil-Birgu kellhom xelter ġewwa l-foss li jagħti mill-Birgu għall-Kalkara.

Inċident ieħor li rrakontalna Ġanni ġara meta waqt li kien fl-Għassa ta' Bormla f'xid-9 p.m. daq l-Air Raid Warning u Ġanni mar qajjem lill-sħabu li kienu qed jistrieħu fl-Għassa. Ġara li kulħadd kien niżel fix-xelter, li kien jinstab taħt is-sur fi Triq Għajn Dwieli, barra wieħed: Il-Kuntistabbli Zanzu. Irriżulta li bomba kienet niżlet fuq l-Għassa ta' Bormla u qerdet lilha u l-mibki Żanzu.

## Xogħol li ma jaqta' qatt

Fid-Distrett ta' Bormla Ġanni Amaira dejjem kellu x'jagħmel. Darba, x'ħin kien wasal biex jinbidel, fl-3.45 a.m., sbieħ Jum il-Milied, xi ħadd daħal jiġri l-Għassa għax kienet qamet ġlieda f'ħanut tax-xorb f'Bormla stess bejn żewġt irġiel u wieħed minnhom safa b'nofs widintu migduma u mqatta'. Daqshekk l-iffesteġġjar mal-familja f'Jum il-Milied għax kellhom isiru l-investigazzjonijiet meħtieġa għax kien każ ta' Ġuri. Barra minn dan, Ġanni qatt ma falla li jkun xhud f'xi seduta distrettwali tal-Qorti tal-Maġistrati li kienu jinżammu perjodikament kull ħmistax-il ġurnata. Bosta każijiet ta' tilwim u ħwejjeġ oħra kienu jispiċċaw il-Qorti meta Ġanni Xmaira ma kienux jonqsu l-problemi tal-ħajja fis-soċjetà. Ngħidu wkoll li Ġanni għamel żmien twil bandist fil-Korp idoqq il-kurunetta. Wara li spiċċa mis-servizz huwa ħadem bħala għassies mas-Central Cigarette Co. Ltd. għal mhux anqas minn tnejn u għoxrin sena. Dan kollu għadda għal Ġanni u minn hawn nixtieqlu aktar snin ta' serħan u ta' tgawdija.

**Golden Harvest**

*Ideal for Slimmers and Diabetics*

Slimex®

DIET ICE CREAM

**Strawberry, Vanilla, Chocolate & Nocciola**

SLIMCEA BROWN & WHITE SLICED BREAD




*The people who bake* at TURU COLOMBO SQUARE, GZIRA. Tel: 332391 334382.

Pickfords D.O.M.

World Wide Moving

**MOVING HOME FROM THE UNITED KINGDOM TO MALTA**

**If you are considering the removal of your effects phone JOE PACE in Malta on 488953 or if in the UK dial 0800 289229 and ask for FREEPHONE PICKFORDS WORLDWIDE**

The close liason between the most experienced destination agent in Malta and the largest household removal company in the UK will protect your interests throughout the move.

**D.O.M. House**
**Drama Street**
**Qormi - MALTA**
(Local removals, packers, shippers, destination agents)

**PICKFORDS WORLD WIDE MOVING**
490 Great Cambridge Road
Enfield
Middlesex
EN1 3RZ

# POLICE ON THE BEAT PART V

by PS 369 J. Mizzi

The police can be seen to be but part of the system for maintaining law and order, albeit an important part.

The enforcement of the law to the extent that no crimes are committed is not possible; there will always be crime. The extent of that crime and its nature will affect the ability of the people to "live safely in their homes and go freely about their lawful business" and feel able to do so in safety.

The police must enforce the law to ensure that there is a high degree of obedience to it. The prople must also feel free from the fear of criminals. It is perfectly possible to have a period during which the probability of any citizen being the victim of a crime is no higher than any other time, yet people feel less safe. This can be because of the publicity surrounding a specific series of crimes such as murder or rape, or because of the emphasis done by politicians and news media on crime or one type of crime.

Policing must provide an aura of security - people must not only feel safe from attack but they must actually be safe and the two things are not the same. It is perfectly feasible to be safe but feel threatened and to be threatened yet feel safe, depends on awareness of the true facts.

If the police are to do their job, they must not only enforce the law but they must also create a general awareness that the law is enforced.

### Protection of persons and property

The protection given to persons in disasters like flood and fire is to save their lives. For the police this plays an important part in emergencies of this nature. There is also the matter of protecting people from themselves; the police have legal power (Mental Health Act) to deal with certain class of people suffering from mental illness and also children who are is need or control.

### Crime prevention

If we compare the work of the police at its early beginning with that of today, it is clear to say that the purpose of the police which was founded for remained the same. The early concept of crime prevention was essentially one of providing sentries, who guarded the property adjacent to the streets that they patrolled, arresting suspicious characters found loitering in the vicinity.

Police activity in respect of crime prevention is no longer restricted to acting as watchman and detectives but includes, for example, the prevention of crime by teaching people how to safeguard their own property and helping to educate young people in the rule of law, and so divert them from committing crime.

The proportion of limited police resources that should be allotted to these means of preventing crime is often the subjevt of fierce debate. The allocation of resources for crime prevention measures is complicated by the lack of any measure whereby crime prevention can be gauged. Even the traditional crime prevention activity of foot patrol cannot be directly linked with firm results in terms of crime prevented. Just occasionally, it is possible to say that a quick police response to an emergency call, a good piece of work by an observant policeman or the installation of a police alarm system, has resulted in the prevention of crime and the arrest of the criminal, but the mass of routine work which a police force does in the name of crime prevention goes unmeasured.

The factors contributing to the growth of crime are complex and are rooted in society itself. The extent to which the police can influence the level of crime in a country is not fully understood. A number of things that the police do, like arresting criminals, patrolling to reduce the opportunity to commit crime, helping to fit better locks and alarms, all contribute to crime prevention, but the actual extent to which they do so in return for the amount of effort expended is unknown.

### Detection of Criminals

The probability of detection deters people from committing crime and the act of detection provides society with the opportunity to deal with the criminal as it sees fit. Detection can also be necessary to exonerate innocent people, recover stolen property and satisfy a desire of revenge. When it comes to the deployment of the police in order to detect crime, a number of factors must be considered. To take one of the most straight forward motives for seeking the identity of a criminal - revenge on the part of the victim, there must clearly be limit to the extent to which an individual is entitled to which an individual is entitled to expect that a community-financed organisation like the police should go in order to satisfy his wish for retribution.

The effectiveness of detection in preventing an individual from committing further crimes depends on the methods that society uses to deal with the people caught by the police. The attitudes of courts and the remedial measures at their disposal will largely determine this. So too will society's attitudes towards the people who have been caught. The whole question of what to do with criminals who have been caught has been one of society's biggest problems since the retreat from the harsh penalties of the nineteenth century. This uncertainity creates problems







That means the next time you call us, you'll be tapping into the full capabilities of the printing industry's number one source for printed products. A reputation built on more than twenty years of quality and care to satisfied clients.

Tel: 446195 - 441570 - 497890
Fax: 441092

DORMAX
PRESS COMPANY LTD
THE GRAPHICS HOUSE
IN INDUSTRY ROAD
QORMI - MALTA

for the police and frequently raises the question as to what police effort is justified to catch a criminal whom society either does not know what to do with or regards with disinterest.

The recovery of property or its value should, probably, be linked to revenge were it not the intervention desire to report some crimes to police and go to the trouble of prosecuting the criminal if he is caught. Many people report crimes merely to satisfy what they regard as a whim on the part of their insurance company. Thus, quite often, the police find themselves acting as an agent for an insurer rather than for an aggrieved citizen.

### Detection as a Deterrent

The value of detection as a deterent is limited by a number of factors. Detection alone is not sufficient, since there must be a high probability of guilty people being convicted by the courts and effective action taken. There are a vast number of crimes that never come to the notice of the police. Thefts from employers and stores, and assaults and frauds occur much more frequently than police statistics would suggest. The police cannot therefore directly influence the extent of this type of crime through detection. In any case, detection can never be guaranteed. As we know from murder cases, even when huge police resources are employed to solve the crime, success is not assured. Many crimes that are reported are not solved, nor could they be, however many policemen were employed on the investigation.

The art of deploying men on detection is to choose the crime on shich to concentrate effort. There are two main fact that usually determine the amount of effort that police apply to a given crime: the probability of solving it and its seriousness.

The first of these requires professional judgement to determine the amound of effort that should be expended on a particular crime to provide a probability of solving it. However, some crimes are insoluble however much time and effort are put into the investigation and it then becomes necessary to decide at what point active efforts to solve them should cease. Such decisions are complicated by the seriousness of the case and the fact that the public expect action from the police when crime has been committed.

### Measuring Crime

Many researchers have tended to assume that there is only one variable determining the seriousness with which a crime will be viewed, whereas there are a number of factors including the following:

1. The nature of the crime: Murder is obviously more serious than a minor assault, and burglary is more serious than theft. Yet, the theft of a large amount of property will not necessarily be regarded as being more serious than a theft of small amount.

2. The nature of the victim: For example, the theft of property from an elderly pensioner will usually be seen by the society as more serious than from a large company.

3. The method of committing crime: Crime by force is usually considered more serious than crime by deception. The physical theft of a small amount of property is often regarded as socially more significant than quite large swindles.

4. Whether the crime is one of a series: An isolated case of a women being attacked may soon be forgotten by the general public whereas, in a series of such attack, the weight given to each one increases with each successive attack.

5. The perception of the person making the judgement: Some crimes are regarded as more serious by one section of the community.

6. The potential of the criminal to commit further acts: Having a violent-insane man at large creates a large amount of public disquite and so the police direct huge amount of resources towards finding him.

### Controlling Road Traffic

One of the police early roles was, that they have to direct traffic physically. In contrast with today, traffic is directed and diverted alone by means of traffic signs and roundabouts.

The actual level of involvement that the police have in what may be termed 'road safety' in its widest sense is the enforcement of traffic laws, encouraging better driven behaviour.

As compared with crime, one of the reasons of variation is the inadequency of available measures of police activity. Traffic accidents account for a high proportion of unnatural deaths and injuries, many of which could be prevented by the police, in much the same way that crime could be prevented.

But, like crime, some accidents could not be prevented by police - the number that actually happen while the police are watching must surely indicate this! Furthermore, the relation between the amoung of police activity and accidents is not known, any more than the relation between policing and crime. There is indication that the number of accidents is related to such features as the nature of the population, the numbers of vehicles on the roads, the price of fuel and weather rather than the number of policemen.

The high level of human suffering acceptable on our roads seem to arise from a low level of social concern comparate with, say, the attitude to the numbers of people murdered or even killed in any other type of incident. This is an aspect of society that, once again effects the police any yet is little understood. It seems to be linked to what society is willing to expect in return for freedom of travel.

Fotunately, many police activities can be directed towards minimising the evil effects of both crime and traffic and so the need for accurate assessment of priorities can be disguised to some extent.

# SUZUKI

With Suzuki Outboards from the gutsy **2hp** to the awesome **140hp**, we have the outboards to fill any boating need. Stop by and check out the features and leave the competition in our wake.




SUZUKI

Available in Stock.

As ever the best priced outboard motors in Malta.

SEE THEM AT THE BOAT FAIR, NAXXAR

**Zarb Stores Limited**
New Street, Luqa. Tel: 665686
Open from: 8.30 a.m. to 12.30 p.m., 2.00 p.m. to 5.45 p.m.
Saturday: 8.30 a.m. to 12.00 p.m.

# EURO STORAGE

Multi-purpose adjustable steel shelving system designed to resolve most storage needs, from a single starter bay kit, to purpose-built narrow aisle order picking installations up to 15 metres high.
A complementary range of accessories, from containers and drawer units for small-parts storage, to full and half-height door kits, enables Stormor EURO-Shelving to solve your specific storage problems.






**LINK INDUSTRIAL SERVICES LTD**
70, TA'XBIEX SEAFRONT, MSIDA. TEL: 334145, 312772. FAX: 338532

# HAMSA U GHOXRIN SENA SERVIZZ

mis-Supt. Alfred Abela

L-anqas irrid nemmen. Wasal l-10 ta' Marzu 1994. Għaddew ħamsa u għoxrin sena minn mindu dħalt fil-Korp tal-Pulizija.

Niftakar li konna xi ħmistax il-ruħ li ħadna l-ġurament flimkien quddiem il-Kummissarju Vivien de Gray. Naf żgur li spiċċajna tmienja li għalaqna l-ħamsa u għoxrin sena. Ħadt gost meta ċempilli PS 1200 Mario Pandolfino. Staqsieni jekk konniex sejrin nagħmlu xi ħaġa biex niċċelebraw. Qbilt miegħu u ddeċidejna li niltaqgħu bin-nisa tagħna, nagħmlu quddiesa d-depot, u wara mmorru nieklu f'xi post għal kwiet niċċelebraw l-egħluq tas-servizz tagħna. Tlabna permess mingħand il-Kummissarju u dan laqalna t-talba tagħna. Jiena personali ddeċidejt li nagħmel xi ħaġa ta' tifkira u fil-fatt għamilt souvenir żgħir tal-ħġieġ bl-arma tal-Pulizija u bid-dati tad-dħul u tal-għeluq tas-servizz. Qassamt wieħed lil kull wieħed minna u tajna wieħed ukoll lill-Kummissarju u lill-Kappillan tad-depot bħala tifkira.

Kienet okkażjoni sabiħa ferm. Ħadna pjaċir iżda l-iktar li laqatni kien meta bdejna nsemmu l-ġrajjiet li għaddejna minnhom.

Nixtieq insemmi waħda li għaddejt minnha jien. Xi ġimgħa wara li dħalt fil-Pulizija ġejt stazzjonat l-għassa ta' Ħaż-Żabbar. Kont ili hemm ħmistax il-ġurnata, meta ġie wieħed fuqi u staqsieni kemm kont ili fil-Pulizija. Jiena rrispondejtu li kont ili ħmistax u dan staqsieni "Ħmistax-il sena?". Min jaf kemm smajniha din il-frażi. Biss ngħid illi bix-xogħol, bil-bżulija, bil-paċenzja u fl-aħħar u mhux l-anqas bil-barka t'Alla l-ħamsa u għoxrin sena jgħaddu. Mhux talli jgħaddu talli tiddeċiedi, bħal ma għamilt jien, li tibqà fil-Korp tal-Pulizija.

Ħdimt taħt diversi Kummisarji u uffiċjali oħra. Niftakar illi Ħaż-Żabbar kelli surġent tiegħi lis-Sur George Grech, illum Kummissarju, lil Edwin Mamo li spiċċa bħala spettur lil Joe Rizzo li llum huwa Suprintendent, lil Joe Gatt li spiċċa bħala maġġur, lil Joe Agius li llum huwa surġent maġġur tal-prima, u oħrajn li għaddejt ħafna żmien magħhom u li tgħallimt minn għandhom. Nixtieq illum nirringrazzjhom kollha. Nixtieq inselli u nitlob għal dawk sħabi li l-Ħanin Alla għoġbu jsejħilhom. Insemmi per eżempju lis-Sur Pawl Mamo, lis-Sur Willie Hersey, lis-Surġent 131 C. Barbara lil PC 278 L. Long, lil PC 91 France Scerri u ħafna oħrajn.

Irrid nagħmel kuraġġ lil dawk kollha li huma fil-Pulizija biex ma jaqtgħux qalbhom. Ikomplu jaħdmu b'kuxxjenza għal ġid tal-pajjiż u tal-komunità. Ngħidilhom illi jasal dak iż-żmien meta huma wkoll jagħlqu u bħali jiddiċiedu li jibqgħu jagħtu servizz lill-poplu.

Fl-aħħarnett nixtieq insellem lil dawk sħabi li dħalna u għalaqna ħamsa u għoxrin sena flimkien li huma:

Supt C. Galea
PS 563 Joe Galea
PS 1195 Albert Mifsud
PS 1199 Anthony Sammut
PS 1200 Mario Pandolfino
PS 1202 Joe Caruana
PC 993 Joe Zerafa

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor għini f'xogħoli. Naturalment ma rridx ninsa lill-familjari tiegħi li qasmu miegħi s-sagrifiċċji li kelli nagħmel biex dejjem tajt dak kollu li hi possibbli biex nagħmel hieni lil ħaddieħor.





You're away from home.
You need a phone.
You haven't got any change.
A Telecard is the answer.
Telecards give you prepaid talking time on public telephones without the need for coins. You can call local or international numbers – Telecards are available in either Lm1, Lm3 or Lm5 from Telecentres and shops displaying the Telecard sign.
So look for Malta's special Telecard phones – and keep a Telecard handy.

# Talking Card




telemalta corporation

**On the right lines**

# MIN GHANDU D-DRITTA

mis-Suprintendent Alfred Abela



Ir-regolamenti tal-vetturi bil-mutur jitkellmu dwar min għandu d-dritta fis-sewqan. Fis-seduta tal-kolliżjonijiet il-Maġistrat li jippresidi fl-awla jirregola ruħu fuq dawn ir-regolamenti qabel ma jiddeċiedi kawża. Nixtieq pero' illi kulħadd jifhem illi meta persuna tittella' l-Qorti fuq kolluzjoni ma jfissirx illi ser jiġi deċiż min ser iħallas l-ispejjes. Xejn minn dan. Il-Pulizija tieħu l-passi l-Qorti biex tissalvagwardja r-regolamenti. Jiġifieri persuna trid tħallas talli tkun kisret il-liġi. Wara, trid tinfetaħ kawża ċivili għall-ispejjeż.

Issa ħa niġi għal dawk ir-regolamenti li jirrigwardjaw id-dritta fis-sewqan.

Nibda billi nsemmi it-triq maġġura. X'hini triq maġġura? Mhux sewwa li ngħidu li t-triq l-iktar wiesgħa. Xejn minn dan. It-Triq maġġura hija dik it-triq li jgħaddi l-iktar traffiku minnha mqabbla ma' toroq oħra. Ifisser illi jistà jkollok triq dejqa li tant jgħaddi traffiku minnha li tispiċċa ssir triq maġġura. Ir-regolamenti jgħidu illi kull min ikun miexi fuq triq maġġura għandu d-dritta. Ma ninsewx illi fejn tgħaddi tal-linja, jiġifieri fejn hemm rotta tax-xarabank tal-linja, t-triq dejjem hija maġġura.

Kull meta tkun fuq triq maġġura allura għandek id-dritta. Dan ifisser illi kull min ikun ħiereġ minn triq sekondarja għandu jieqaf u jħalli lil dak li jkun għaddej fuq triq maġġura jgħaddi. B'dan kollu irridu ndaħħlu f'moħħna illi mhux għax qiegħed fuq triq maġġura tagħmel li trid. Anzi, f'kull kantuniera wieħed xorta obbligat li jieħu l-prewkazzjonijiet kollha meħtieġa, biex jiġi evitat xi inċident. B'dan irrid infisser illi xorta għandek toqod attent f'kull kantuniera. Tant hu hekk illi jekk kellu joħroġ ngħidu aħna karozzin, u l-kuċċier jagħmillek sinjal, avolja inti qiegħed fuq triq maġġura xorta trid iċċedielu.

Ħa niġi issa għal toroq tal-istess importanza. Jiġifieri żewġ toroq li huma jew it-tnejn maġġuri jew it-tnejn minuri.

F'dan il-każ il-liġi tgħidlek li fejn hemm żewġ toroq tal-istess importanza, dak li qiegħed fuq ix-xellug ta' l-ieħor għandu d-dritta. Dan ifisser illi jekk jiena ħiereġ minn triq u fuq ix-xellug tiegħi hemm vettura, lil din irrid inċediela, u nħalliha tgħaddi. Naturalment niġi għall-istess argument ta' qabel illi xorta rrid noqgħod attent fil-kantunieri. Ma jfissirx illi għax għandi d-dritta nibqa ħiereġ bl-amment.

It-tielet argument ta' fejn hemm id-dritta huwa fejn jirrigwardja dik it-triq li ngħidula T-Junction. Ngħidula T-Junction għax hija forma ta' T. L-ewwelnett dik it-triq li tifforma s-sieq tat-T jgħidula il-junction road, waqt li l-oħra, jiġifieri d-dritta li tibqa' għadejja jgħidula it-through road. F'dan il-każ dik il-vettura li tkun ġejja mill-junction road għandha tieqaf u tħalli lil dik li tkun għaddejja mit-through road tibqa' għaddejja.

Niġu issa għal famuża roundabout. Kullħadd jitkellem fuq ir-roundabout iżda ftit huma dawk li josservaw ir-regolament relattiv. Ir-roundabout hija magħmula b'tali mod illi twaqqaf it-traffiku (għalkemm naf postijiet fejn din hija falza u r-roundabout ma tkunx qed tagħmel xogħolha). Ir-regolament dwar ir-roundabout jagħmilha ċara illi kull min ikun qed idur magħha għandu jitħalla jkompli jdur mingħajr tfixkil. Jiġifieri dak li jkun ħiereġ għal fuq roundabout għandu jħares lejn il-lemin tiegħu u jekk jara vetturi ġejjin iduru mar-roundabout għandu jħallihom ikomplu jduru. Wara li jgħaddu ħa jkun jistà mbagħad joħroġ u jaqbad ir-roundabout hu. B'dan il-mod it-traffiku mar-roundabout ma jieqaf qatt.

Każ ieħor fejn tidħol id-dritta huwa meta jkun hemm triq dejqa. Meta jkun hemm triq dejqa li ma tippermettix żewġ vetturi jgħaddu kontra xulxin f'daqqa, dak li jkun viċin l-iktar il-wiesgħa tat-triq għandu jirriversja. Għandu jħalli spazju biżżejjed biex jgħaddi l-ieħor u wara jkun jistà jkompli fi triqtu. Ma tagħmilx differenza jekk tkunx telgħa jew il-vettura tkunx trakk jew xarabank. Hija ċara biżżejjed illi xi ħadd irid jersaq lura, u hawn ir-regolamenti jagħmluha ċara li dak l-aktar viċin il-wiesgħa tat-triq għandu jmur lura.

Mela, tkellimna fuq ħames okkażjonijiet fejn ir-regolamenti jitkellmu fuq id-dritta fis-sewqan, Dawn huma:

1) It-triq maġġura u triq minura: min hu fuq it-triq maġġura għandu d-dritta;
2) Żewġ toroq tal-istess importanza: dak li qiegħed fuq ix-xellug għandu d-dritta;
3) It-T Junction: dak li qiegħed fuq it-through road għandu d-dritta;
4) Ir-roundabout: dak li qiegħed idur magħha għandu d-dritta;
5) Triq dejqa: dak li qiegħed viċin il-wiesgħa tat-triq għandu jreġġa lura u jħalli lill-ieħor jgħaddi.

B'hekk din id-darba stajna naraw kif nistgħu nevitaw kollużżjonijiet kif ukoll naċċertaw ruħna li kemm jistà jkun ma nkunux fit-tort aħna.



CROSSROADS



CROSSROADS



T-JUNCTION



ROUNDABOUT

VAUXHALL

# CORSA

Corsa is all set to cause a sensation. It's not just the looks, nor the sparkling character - Corsa's appeal is more than skin deep. In a place of small-car compromises, it provides big car engineering. Instead of excuses, it delivers class-leading comfort and safety, award-winning security and state-of-the-art environmental technology. Three or five-doors, petrol or diesel power, luxury, sport or simply practical trim - Corsa offers it all.

**3 and 5 door versions.
Diesel or petrol.**

*The full GM guarantee package on all Vauxhall Corsa range:-*

GM

- One year guarantee on unlimited mileage.
- Three years' guarantee on sealed maintenance free battery.
- One year guarantee on non wear-and-tear parts replaced during service.



All models with a catalytic convertor

Part Exchange accepted

*See the Vauxhall Corsa at Local agents:*
*MIRA MOTORS SALES LTD. 148, Rue D'Argens, Msida.*
*Tel: 333001/4*

*Gozo agent:*
*S. Bajada & Sons*

# FIDES

## THE NAME FOR GOOD QUALITY

*For a wide range of Cookers, Washing Machines, Fridges, Freezers, Microwave Ovens, Tumble Dryers, Dishwashers and Built-In Appliances*

ALL WITH SUPER GENUINE GUARANTEE!

## RIGHT DEAL

DOMESTIC APPLIANCES CENTRE
GAVINO GULIA SQUARE COSPICUA CSP 02, MALTA
Tel: 6644286 Fax: (0356) 664286

# RIOTS 1919 - Part III

by Mr. A. Mifsud Tommasi LP.BA. Educ. Commandent Police Academy

## EVENTS WHICH PRECEEDED OR FOLLOWED THE DISTURBANCES OF THE 7TH AND 8TH JUNE AND WHICH SERVE TO EXPLAIN OUR REMARKS THEREON

At the beginning of the War some gentlemen made an appeal to the so-called Abstentionist Members for a political truce during the war in order to co-operate in helping the Government during the ensuing critical times. That appeal was not responded to and the "Comitato Patriottico" which is composed of Abstentionists merely limited its action to criticizing the Government without considering any concrete measure that might hage been of any help. We mention ths circumstance as having a great bearing on the many complaints that have been brought against the Government. The "Comitato Patriottico" gradually fell under the sole influence of Dr. Enrico Mizzi, whose political ideals are no secret to anybody.

In November 1918 Dr. F. Sciberras asked all parties of every political colour and shade of opinion to take part in an Assembly for the purpose of discussing the political condition of the Island and submitting to the Secretary of State for the Colonies a request for the grant of a liberal Constitution. The Assembly was styled the "National Assembly" and all parties agreed to take part in it. Unfortunately Dr. Sciberras consented to hold the meeting of the Assembly at the Club "La Giovane Malta", an institution set up for the promotion of Italian ideals. Witnesses heard by us, such as the Contino Caruana Gatto, and other persons of standing condemnel the choice as very unfortunate, and calculated to lead to trouble.

After having secured the holding of the National Assembly at the "Giovane Malta", Dr. E. Mizzi's press began attacking those who held political ideas different from his own. In these attacks the vernacular press joined. Count Steieckland and Mr. F. Azzopardi were especially singled out for abuse and in consequence of this campaign although they had been appointed delegates they refrained from attending the National Assembly.

The meeting of the Assembly took place on the 25th of February 1919. The delegates were received by the President of the Club, Dr. E. Mizzi, and on the motion of one of the Members of the "Comitato Patriottico" Dr. E. Mizzi was elected Secretary of the meeting.

A notice - which did not emanate from the Assembly - had been inviting merchants to close their shops and establishments and the names of those who had promised to comply with the invitation were published in the papers. On the day of the meeting small noisy crowds paraded the streets and obliged such persons as had not shut their establishments to do so. Among the persons whose property was damaged was the owner of a large establishment known as "A La Ville de Londres". Nobody was prosecuted for these offences, and it has not been possible for us to get a definite statement why proceedings were not taken.

In calling the Meeting, Dr. Sciberras had published a draft resolution in just and moderate terms and to which no objection could be taken. On the last day of the term allowed for the proposal another resolution, which evidence taken by us proved to have been originally drawn up by Dr. E. Mizzi. This new resolution gave the impression that the request to the Secretary of State was not for the mere management of local affairs but for absolute independence from Great Britain in view of the words in the Resolution "saving any greater rights which might be granted by the Peace Conference".

Dr. Sciberras accepted the Resolution of the "Comitato Patriottico" - and when Dr. Bartolo rose to propose that the old resolution and not the new one should be put to the vote he was shouted down by the Assembly.

"La Voce del Popolo" and other papers claimed a great victory on the fact that the great crowds which had collected in Strada Reale and Strada Santa Lucia had endorsed the resolution and had been able to impose the closing of establishments, and attacked Dr. Bartolo for having attempted to modify the

wording of the resolution. Gentlemen holding moderate ideas perceived that things had gone too far, and that they were becoming a tool in the hands of Dr. E. Mizzi whose views they certainly did not share.

Shortly before the day of the meeting the Acting Governor had informed Dr. Sceberras that the Secretary of State had instructed the new Governor to report how far a greater share in the administration of the Island could be given to the Representatives of the people.

The gentlemen who had been delegated to form part of the Assembly were split into two sections: the section of Moderates who wished to discuss the Constitutional Question with the new Governor, and the section of Extremists, belonging to Dr. E. Mizzi's party, who showed no inclination to desist from agitating, and considered the Secretary of State's despatch as an insincere promise. Fearing to find themselves in a minority the latter party used every means at their disposal in keeping up the agittation, collecting crowds, and to intimidating the Moderates. As one of the Moderates, Dr. Giuseppe Mizzi, a brother of Dr. E. Mizzi, came in for a great deal of abuse, and eventually gave up the idea of attending the second meeting of the Assembly which had been called for the 7th June.

It appears to us that the collection of a large crowd for that occasion was designed by the Extremists with a view to cow the Moderates, and force them to accept the views of the majority, at the second meeting of the Assembly, and as a first step they appointed as Secretary Dr. Ugo Mifsud instead of Dr. E. Mizzi.

Crowds had been asked to attend and notices were published giving the names of those who agreed to close their establishments. It was public property that disorders were probable, if not certain. On the 5th June the Actinh Commissioner of Police had, as stated above, informed the General Staff Officer that although he did not expect serious disturbances, nevertheless it was necessary to make provision for any emergency.

A few days previous to the date of the meeting, the students at the University had gone on strike ona complaint concerning an alteration which had been made in the rule relating to the converment of degrees. The students broke some desks and furniture belonging to the University; they further paraded Strada Reale, and threw eggs at Mr. F. Azzopardi. A number of them were prosecuted in a half hearted way, and acquitted. They went to and from the Court House in decorated cars, collecting a crowd.

It was generally known that there was great unrest in the Police Force and that at one time the Police had threatened to strike.

The events of the 7th and 8th produced the greatest uneasiness among the people and induced the belief that there was no protection whatsoever to be had except where the Navy could give assistance. As a consequence of this state of things it was sufficient to ask for a subscription for the families of thise who had been killed during the riots to obtain comparatively large amounts, polite ways being used towards timid individuals and threats towards unwilling subscribers. Anonymous letters were sufficient to cause flags to be put half mast on the 7th July and to prevent flags from being shown on Saturday 19th July, when a Naval and Military Review took place for the celebration of Peace Festivities.

Even the Editor of the "Malta Heraid" thought it prudent to remove from the paper the figure trying together the shields of England and Malta above the title heading of the paper.

A Military Court of Enquiry on the circumstances in which troops had been used on the 7th June and their action on that occasion was convened and pursuant to the promise made by General Hunter-Bliair, the Contino Caruana Gatto was asked to attend the proceedings as a representative of the civil population. The greatest liberty of action was granted to him to cross examine the Military witnesses and to produce any evidence that in his opinion might have bearing on the events of the 7th June. Contino Caruana Gatto examined privately a large number of persons and produced those whose evidence, in his opinion, was important.


PEUGEOT 306
THE RIVAL
A car which is QUICKER, MORE MODERN, MORE DYNAMIC but also SAFER than its competitors, thus offering exceptional driving pleasure.
Now also available in DIESEL VERSION
306
306
PEUGEOT
CONCESSIONAIRES
MICHAEL ATTARD Ltd.
National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951

# PRIVATE CLINIC PLAN




**Just 7c a day provides the most complete health-care plan available locally in a Private Clinic :-**

- All private medical expenses in Malta. (Surgery, therapy, scans etc.)
- Cash benefit should you require hospitalisation in a state hospital.
- General home nursing requirements.
- Peace of mind in time of stress.

## *A Healthy Investment Plan.*

**LAFERLA**
*INSURANCE AGENCY LIMITED*

**204A, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 09.**
**Tel: 246340**

# GHAJNUNA LIL TIFEL HANDIKAPPAT

mill-Ispettur R.G. Zammit

Diskursata qasira mal-familja fil-kċina tad-dar tiegħi waqt il-ħin ta' l-ikla ta' filgħaxija, kif ukoll waqt dak id-daqsxejn ta' ħsieb li jgħaddi minn moħħ dak li jkun għal dawk inqas ixxurtjati minnha, kif ukoll meta konna qegħdin niddiskutu fuq wieħed ġuvni b'diżabilita li jgħix fl-inħawi tagħna. Dan il-ġuvni ġie f'moħħ il-mara peress li l-ġurnata ta' qabel kien il-qofol ta' diskursata ma' xi ħbieb oħra, fejn intweriet ix-xewqa li dan it-tifel ikun mgħejjun finanzjarjament għax kellu bżonn ta' 'Special Wheelchair'.

Għal dan il-kliem mill-ewwel għidt lil marti li kont sernidħol għal din il-biċċa xogħol u nispera li niġbor flus biżżejjed speċjalment biex jinxtara dan il-wheel chair li dan il-ġuvni tant għandu bżonn. Ma kienetx xi ħaġa faċli, bejn kien żmien il-Milied u dak li jkun jkollu spejjeż kbar, bejn għax is-somma kienet ftit kbira kif wkoll għax kien żmien li kulħadd idaħħal idejh fil-but kemm il-darba għal xi attivitajiet li saru. Barra minn hekk, iżda bl-għajnuna t' Alla kienet diġa ngabret is-somma ta' Lm700 li ngħatat lid-Dar tal-Providenza ġewwa is-Siġġiewi. Pero, b'dawn id-diffikultajiet kollha ġieni ħsieb u ta' min jgħidli biex wieħed ma jaqtax qalbu.

Wara żjara qasira għand il-familja ta' Joseph, il-ġuvni nkwistjoni, li għandu sittax il-sena, malajr rabbejt aktar kuraġġ biex nagħmel l-almu tiegħi kollu u dan il-ġuvni ngħinu. Mill-ftit li sirt naf fi ftit ħin mingħand il-ġenituri ta' Joseph, sirt naf kemm huma kbar il-bżonnijiet li dan il-ġuvni għandu bżonn, bħal special wheelchair, li jqum Lm1300 lift ġewwa d-dar biex wieħed itaffi wkoll it-tbatija kbira li dawn il-ġenituri għandhom, kif ukoll il-bżonn ta' special vehicle biex dan il-ġuvni ikun jistà jinġarr minn post għall-ieħor biex b'hekk ikun jistà jgawdi ftit aħjar ħajtu kif wkoll inaqqas xi ftit mit-tbatijiet.

Għal dan il-għan, mill-ewwel ġbart lin-nies tiegħi u għedtilhom bil-programm li kelli f'moħħi. Ma tlabt xejn, għax sibt l-għajnuna kollha meħtieġa mill-ewwel.

Għal darba oħra d-donazzjonijiet kbar mingħand dawn il-ħbieb speċjalment waqt xi attività tal-Milied u ta' l-Ewwel tas-sena, kif ukoll min għand xi ħbieb personali u familjari li lkoll tawni appoġġ nhar il-Ħadd 30 ta' Jannar 1994, cioe xahar eżatt wara l-ħsieb, spiċċajna mid-diskorsata ġewwa il-kċina għal għand il-familja Galea fejn ġiet ippreżentata s-somma ta' Lm1500. Din is-somma ġiet ippreżentata lis-sinjuri Galea mis-sinjura Vivien Grech mart il-Kummissarju li b'Kuraġġ kbir għenet għal dan il-ħsieb.

Barra minn hekk ma naqas li dan il-ġuvni jiġi preżentat wkoll, dejjem skond ix-xewqa tiegħu, b'xi pet (għasfur) li dan ġie ġentilment mgħoti mingħand it-tfal tal-Kummissarju. Żgur li dan għandu jagħmel kumpanija aħjar lil Joseph kif ukoll lill-kelb li Joseph tant iħobb.

Ħaġa oħra ta' sodisfazzjon hi, li fuq inizjattiva personali tal-kummissarju qiegħed isir minn kollox biex dan Joseph jiġi pprovdut b'sett tat-TV tal-kulur li jgħinu għall-futur tiegħu biex ikun jista jqatta' l-ġurnata tiegħu aħjar.

Nagħlaq billi ngħid grazzi lil kull min għeni, speċjalment lill-membri minn tax-xift tiegħi li spalla ma spalla ħadmu miegħi kontinwament. Iżda l-akbar grazzi għanda tmur lil Alla għal kuraġġ li jagħmel.

Nagħlaq billi ngħid u nistqarr li bl-ebda mod ma rrid li nħalli xi marka wara dan kollu, iżda żgur li l-ħsieb u l-messaġġ li nixtieq ngħaddi huwa biex wieħed ma jaqtax qalbu, jagħmel kuraġġ u jfittex li jagħmel l-istess.

Li tgħin bil-flus huwa sabiħ, iżda mhux biżżejjed, li tmiss b'idejk jgħinek tirbaħ fiduċja w kuraġġ u s-sehem ikun akbar.




WHYTE & MACKAY
WHYTE & MACKAY Special Reserve
WHYTE & MACKAY Special Reserve
70cl
40% Vol
SCOTCH WHISKY
DISTILLED, BLENDED AND BOTTLED IN SCOTLAND WHYTE & MACKAY DISTILLERS LTD, GLASGOW.
Whyte & Mackay
ESTABLISHED IN 1844
Sole Agents & Distributors:
Charles Darmanin & Co. Ltd. (WINES & SPIRITS)
Luret Cutajar Street, Zebbug ZBG 06. Tel: 463060.

# UNUR LIL MALTA MINN ŻEWĠ MEMBRI TAL-KORP

Id-data tas-6 ta' Novembru 1993, żgur li se tibqa' mniżżla b'ittra tad-Deheb fil-kalendarju ta' żewġ membri tal-Korp tal-Pulizija; PC 1028 Raymond Farrugia stazzjonat l-Għassa tal-Airport, u PC 252 Stephen Mallia stazzjonat l-Għassa tas-Sliema. Dan għaliex dawn it-tnejn, flimkien ma erbatax il-membru ieħor tas-Society for Scale Modellers (S.S.M.) li tagħha PC 252 u PC 1028 huma membri; rebħu xejn inqas minn sittax il-premju f'kompetizzjoni internazzjonali ta' Scale Modelling ġewwa l-Ingilterra ġewwa Castle Donington mill-International Plastic Modellers Society (I.P.M.S.) U.K. li tagħha l-S.S.M. hija membru.

Għal din il-kompetizzjoni jidħlu l-aqwa modellers tad-dinja għalhekk l-unur miksub mill-Maltin kien daqstant prestiġġjuż. Meta minn kontinġent ta' sittax, jintrebbħu sittax il-premju, wieħed liberament jista' jsejjaħ dan is-suċċess ta' mija fil-mija.

PC 252 kellu mudell ta' SAVOIA MARCHETTI SM 79 fi skala 1:72, u dan ġie kklasifikat fit-tielet post fil-klassi tiegħu ta' 1:72 'DETAILED AIRCRAFT'. Għal din il-klassi kien hemm jikkompetu xejn inqas minn sebgħin (70) mudell, għalhekk biex tiġi klassifikat daqstant fil-għoli żgur huwa ta' sodisfazzjon u unur liema bħalu. F'din il-klassi intrebaħ it-tieni post ukoll minn Malti ieħor.

PC 1028 kellu mudell ta' FAIREY SWORDFISH MK I fi skala 1:48 u dan rebaħ il-klassi tiegħu ta' 1:48 'CONVERSION AIRCRAFT' flimkien ma' żewġ trofej oħra prestiġġjużi li huma 'THE INTERNATIONAL CUP' li tingħata għall-aħjar barrani (li ma jkunx Ingliż) u id-'DE VILRIS TROPHY' li tingħata għall-aħjar spray fuq mudell fil-kompetizzjoni kollha. F'din il-klassi intrebaħ ukoll it-tieni post minn Malti ieħor fost tnax il-mudell li kien hemm jikkompetu.

Ma' dawn is-sitt premjijiet, wieħed irid iżid ir-rebħ ta' żewġ klassijiet oħra; waħda fit-tankijiet tal-gwerra scratchbuilt fi skala 1:35 u l-oħra fl-ajruplani 1:32 Conversion Aircraft; klassifikazzjoni tat-tieni u t-tilet postijiet f'dawn il-kategoriji; it-tieni fil-Handley Page Trophy, fil-Hanants Trophy, fil-klassi tal-vapuri; it-tielet fil-klassi tal-karozzi, fil-klassi tal-ajruplani 1:32 'Detailed' u fid-De Vilbis Trophy.

Barra dawn intrebħu wkoll żewġ trofej oħra prestiġġjużi li huma l-R.C. Jones Memorial Trophy li tingħata għall-aħjar ajruplan tat-tieni gwerra dinjija fi skala 1:72 u l-Borg Warner Novices Trophy li tingħata għall-aħjar Novice (dak li qatt ma rebaħ xejn fil-kompetizzjoni fil-passat).



*Il-Mudell ta' PC 252 Stephen Mallia, Savoia Marchetti SM 79.1:72*



*PC 1028 Raymond Farrugia*

Dan ir-riżultat tant prestiġġjuż, li żgur ma ġie miksub qatt minn xi għaqda simili fil-passat, jikkonferma il-livell ferm għoli li l-membri tal-S.S.M. huwa magħrufin għalih f'dan il-qasam. Il-kummenti favorevoli li dawn il-'modellers' jirċievu kull sena meta jtellgħu l-exhibition tagħhom hawn Malta mlewhom b'kuraġġ kbir biex xi darba huma jitilgħu l-Ingilterra u jaqtgħu figura tajba għal Malta.

Din il-ħolma saret realta meta nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 1993, dawn il-membri telqu minn Malta fi triqhom lejn l-Ingilterra bi ħsieb wieħed f'moħħhom, dak li huma jagħmlu ġieh lill-art twelidhom fost l-aqwa modellers tad-dinja; ħaġa li huma wettqu bl-unuri kollha l-għada is-Sibt 6 ta' Novembru 1993 meta sar il-'judging' tal-mudelli għall-ħabta tal-erba' ta' wara nofs in-nhar u bdew jaraw b'għajnejhom stess lill-'judges' ipoġġu dawk ir-riżultati kollha ħdejn il-mudelli tagħhom. Dan kien, bla dubju ta' xejn, rigal mill-isbaħ għas-sagrifiċċju kbir li dawn il-modellers kellhom jagħmlu biex ilestu dawn il-mudelli li ħadulhom madwar sena xogħol, għax għalkemm dan huwa biss delizju, pero' jeħtieġ sena kbira fit-twettieq tiegħu.

It-tifħir bla heda li dawn il-modellers irċevew kemm damu l-Ingilterra, għall-livell ferm għoli tal-mudelli tagħhom li bdew jispikkaw fuq il-mudelli l-oħrajn minn kmieni fil-kompetizzjoni, żgur li jimlihom b'ħeġġa kbira biex jerġgħu jirrepetu dan is-suċċess mistħoqq.

Ta' min isemmi li l-membri kollha ta' din l-għaqda, inklużi PC 252 u PC 1028 ma sabu ebda għajnuna biex tgħinhom ikopru l-ispiża kbira ta' dan l-unur uniku miksub għall-Malta, ħlief għal donazzjoni li ngħatat mill-Ministeru taż-żgħażagħ u Kultura u li tagħha l-membri kollha tal-S.S.M. iroddu ħajr.

Dawn il-mudelli flimkien ma' mudell ta' Park 8 tal-Ajruport ta' Malta bl-ajruplani kollha tal-ewwel 'AIRSHOW TA' MALTA' ta' Settembru tas-sena l-oħra fi skala 1:72, kienu għall-wiri fl-Exhibition u National Championships li l-S.S.M. organizżat fit-2 ta' April sas-6 ta' April 1994.



*Il-Mudell ta' PC1028 Raymond Farrugia, Fairey Swordfish MKI 1:48*

STORES
TEXTILES

*Opening Hours:*
*Monday – Friday*
*8.30 a.m. – 12.30 p.m.*
*3.00 p.m. – 7.00 p.m.*

*Saturday*
*8.30 a.m. - 12.30 p.m.*

JB House, L' Iklin Road, Lija BZN 09
Tel: 435537, 435491, 437312/3, 413891
Fax: 435475

John Pace
Fire Prevention




**Suppliers of Portable and Mobile Fire Extinguishers utilising Water Dry Powder Co2 or Halon to high standard and quality. Recharging and Service to Makers Specification with leading Filling and Maintenance equipment. Fire hoses. Couplings and Nozzles.**




***Always at Your Service***

180, VICTORY STREET, QORMI - MALTA. TEL: 444924, FAX: 356-444924. SALES, SERVICES & RECHARGING OF FIRE-FIGHTING EQUIPMENT

# SPORTS mill-Ispettur Ronald Cilia

Fl-ewwel ta' Frar it-team tal-football tal-pulizija laghab ir-raba konfront tieghu kontra dak tal-Forzi Armati "B". L-iskwadra tat-team tal-pulizija laghbet kif ġej: E. Mulvaney, C. Harthshorne, V. Aquilina, R. Grech, P. Vella, J. Lentini, D. Bugeja, J. Borg, P. Zammit, S. Mallia, E. Fenech daħal jilgħab bħala sostitut S. Millo.

Il-partita kienet waħda kumbattuta pero it-team tal-pulizija kien dik id-daqsxejn aħjar. Fis-sitt minuta azzjoni bejn C. Harthshorne E. Fenech u P. Zammit spiċċat b'dan tal-aħħar jispara xutt li għadda jħakkek minn mal-lasta il-minduda. It-tieni okkażjoni ġiet fit-tmiem minuta meta b'azzjoni personali E. Fenech għadda minn mal-linja u fajjar xutt b'saħħtu li ra lill-goalkepper avversarju jsalva b'diffikulta għall-corner. Mill-istess corner mogħti minn V. Aquilina, J. Borg ifflikkja l-ballun għal ġol-kaxxa ż-żgħira u wara li diversi xuttijiet ġew imblukkati mil-avversaji b'xi ftit fortuna il-ballun ġie kklerjat.

Fl-ewwel azzjoni dejna li ħadmu A.F.M. huma marru fil-vantaġġ. "Free-kick" mogħti mir-referee il-ftit barra mill-kaxxa l-kbira il-ballun ġie kklerjat il-ballun reġa ġie indirizzat fil-kaxxa l-kbira tagħna u bil-players tagħna wiqfien għall-offside J. Grech tal-A.F.M. għeleb in-nassa tal-offside u mill-viċin tefa' lit-team tiegħu fil-vantaġġ.

Ir-reazzjoni tat-team tagħna kienet mill-ewwel u wara li l-goalkeeper avversarju wettaq xejn anqas minn żewġ saves sbieħ it-tim tagħna kiseb il-goal tad-draw. Id-difensur C. Harthshorne avvanza minn fuq il-linja u minn ħdejn il-bandiera tal-corner tefa' cross li ġie għand P. Zammit dan niżżel il-ballun lill-E. Fenech li b'xutt b'saħħtu ra lid-difensur avversarju jilqa' b'idejh pero ir-referee ħalla l-logħob għaddej iżda l-ballun reġa ġie għand E. Fenech li reġa indirizza lejn il-lasti u għall-darba oħra il-ballun reġa ġie miżmum minn idejn l-istess difensur bir-referee ġustament isaffar għall-penalty. Inkariga ruħu mill-penalty P. Zammit li tefa l-ballun fix-xibka in-naħa l-oħra ta' fejn intefa il-goalkeeper avversarju.

Fit-tieni taqsima it-team kompla jiddomina u l-goalkeeper tagħna seta baqa' fid-dressing room. F'waħda minn diversi okkażjonijiet ta' skor li ġew lit-team tagħna corner minn fuq ix-xellug il-ballun ġie iċċippjat lura minn P. Zammit u d-daqqa ta' ras ta' J. Borg u il-ballun ġie kklerjat minn fuq il-linja fatali mid-difensur tal-A.F.M. M. Ellul.

It-tisfira finali tar-referee temm il-partita bl-iskor ta' 1-1.

Il-ħames konfront kalċistiku li kellu t-team tal-Pulizija kien dak kontra it-team tal-Health liema konfront intlagħab nhar il-15 ta' Frar fil-ground tal-Marsa.



Forsi ispirati mill-wirja eċċezzjonali li taw il-kollegi tagħna nisa fil-partita netball kontra it-team tat-Teżor fil-kampjonat tan-netball tal-kompetizzjoni Gvern u Parastatali liema partita intlgħabet fil-Marsa qabel bdiet il-partita tal-football il-players tagħna taw waħda mill-aħjar wirjiet li lagħbu s-issa.

It-team tal-Health imżejjen bi players li jilgħabu fil-premier division u fl-ewwel diviżjoni tal-league tal-M.F.A. niżel għal din il-partita bl-aħjar element biex jakkwista żewġ punti li kienu jtellgħhom fl-ewwel post tal-klassifika.

It-team tal-pulizija lagħab b'din il-formazzjoni: E. Mulvaney, N. Bartolo, V. Aquilina, R. Grech, P. Vella, J. Lentini, A. Lia, J. Borg, P. Zammit, S. Mallia, E. Fenech.

Intant għall-kronaka tal-partita. Il-pjan tal-coach F. Zammit kien li mill-ewwel noħorġu fuq l-attakk biex naħsdu lill-avversarji tagħna aktar ikkwotati minnha. Dan il-pjan irnexxa mill-ewwel għaliex fit-tielet minuta J. Lentini avvanza bil-ballun f'nofs il-ground ikkrossja P. Zammit ifflikkja l-ballun lill-E. Fenech u dan tal-aħħar sammar il-ballun fis-saqaf tax-xibka.

Appena għaddew sitt minuti u t-team tal-pulizija kabbar l-iskor għal 2-0. Ballun li deher li sejjer barra għall 'spot kick' P. Zammit issikkat minn żewġ players avversarji iċċippja l-ballun u l-goalkeeper sorpriż u ssikkat minn E. Fenech il-ballun spiċċa fix-xibka.

Ir-reazzjoni tal-avversarji kienet immedjata u li ma kienux żewġ bravuri tal-goalkeeper tagħna Mulvaney żgur li konna nispiċċaw l-ewwel taqsima ndaqs. L-ewwel salva mal-art xutt minn taħtu ta' J. Cappello u mbagħad salva b'titjira spettakolari fuq xutt minn tarf il-kaxxa ta' R. Briffa.

Fit-tieni taqsima il-players ingħataw struzzjonijiet biex jiddefendu r-riżultat. Minħabba f'hekk it-team tagħna beda jsofri pressjoni kbira min-naħa tal-avversarji. Fis-sittax il-minuta tat-tieni taqsima Mulvaney reġa kien prominenti meta salva xutt b'saħħtu ta' J. Cappello. L-azzjoni li segwit f'kontra attakk A. Lia għadda l-ballun lil P. Zammit dan ta' l-aħħar avvanza waħdu iżda il-goalkeeper avversarju tar minn tulu u salva. Fid-dsatax il-minuta J. Lentini ħarab f'nofs il-ground, għadda l-ballun lil P. Fenech dan b'finta qarraq bid-difensur dirett tiegħu l-ballun spiċċa f'saqajn P. Zammit li avvanza waħdu iżda bi sfortuna għalih ra x-xutt tiegħu salvat mil-goalkeeper avversarju.

The Sound Machine

15, Paola Square, Paola.
Tel: 697232



SAMSUNG
ELECTRONICS

SOLE AGENTS
MAXI QUARTZ LTD.
311 - 313 Zabbar Road, Fgura.

Castrol

SPECIALISTS IN LUBRICATION

C.G.L. Oil Blenders Ltd.
363, Rue D'Argens, Gzira GZR04.
Tel: 344180, Fax: 340378, Tlx: MW 1450.

Castrol GTX API:SG-CD

An SAE 20W/50 mineral oil meeting the performance level API SG/CD. Castrol GTX offers all round protection to both petrol and diesel passenger car engines operating under all conditions.



Castrol GTX2 API: SG-CD

An SAE 15W/40 mineral oil with API SG/ CD specification. This multigrade meets the lubrication requirements of the latest multi-value, fuel injection, turbo charged units and vehicles fitted with catalytic converters.

Castrol XL API: SF-CD

Castrol XL is a mineral based SAE 20W/50 multigrade engine oil suitable for general applications in petrol and diesel engined passenger cars.

Castrol HD API: SC-CC

An SAE 25W/60 engine oil formulated specifically for older vehicles where oil consumption is a problem .

Always ask for Castrol by name

Meta titlef dawn l-okkażjonijiet kollha ta' skor tibda tibża li se titlef anke il-partita aktar u aktar qed tilgħab kontra avversarji ta' esperjenza kbira. Fil-ħamsa u għoxrin minuta cross ta' R. Briffa minn fuq ix-xellug is-centre-forward tagħhom ġera għall-ballun u meta ġie ttakiljat minn R. Grech dan waqa fil-kaxxa bir-referee pront issaffar għal penalty kontra tagħna. Inkariga ruħu mil-ħdax il-metru J. Cappello iżda l-goalkeeper tagħna b'titjira oħra spettakolari salva f'corner.

L-istimulu li daħħal fil-kollegi tiegħu Malvaney deher evidenti meta l-players tagħna bdew jissieltu għal kull ballun. R. Grech waqqaf attakk tal-avversarju u ta' pass perfett lill-J. Borg li avvanza waħdu iżda x-xutt finali tiegħu għadda barra.

Il-klassifika ta' kif jinsabu t-teamijiet sa' l-aħħar ta' Frar:

| | L | R | D | T | F | K | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M. SHIPBUILDING | 3 | 3 | 0 | 0 | 6 | 1 | 6 |
| PULIZIJA | 5 | 2 | 2 | 1 | 9 | 6 | 6 |
| B.O.V. | 5 | 2 | 2 | 1 | 5 | 3 | 6 |
| CUSTOMS | 4 | 2 | 2 | 0 | 4 | 2 | 6 |
| HEALTH | 5 | 2 | 0 | 3 | 7 | 7 | 4 |
| A.F.M. B | 5 | 0 | 3 | 2 | 3 | 7 | 3 |
| WATER S.C. | 4 | 0 | 2 | 2 | 2 | 5 | 2 |
| AGRI. SAJD | 4 | 0 | 1 | 3 | 3 | 11 | 1 |

L-isforzi tat-team avversarju tagħna ġew ippremjati bil-goal tal-bandiera meta minn cross fuq ix-xellug daħal jiġri J. Cappello u poġġa l-ballun fix-xibka. Tista tgħid li din kienet l-unika okkażjoni li id-difensur tagħna P. Valla ħalla lil J. Cappello jgħaddi. L-għeluq ta' din il-partita spiċċa fuq nota ferm negattiva meta f'tackle għall-ballun P. Zammit weġġa u fil-fatt kellu jittieħed l-isptar fejn instab li kien qata l-ligaments tal-għaksa l-lemenija u saqajh tpoġġietlu fil-ġibs. Aħna nawguraw fejqan ta' malajr lill-P. Zammit.

# ĠBIR GĦAL FOND KOSTRUZZJONI TA' HYDROTHERAPY POOL

Wara sejħa li saret lil membri kollha tal-korp tal-Pulizija sar ġbir minn fost l-istess membri għall-kostruzzjoni ta' "Hydrotherapy Pool" għal dawk fiżikament ħandikappati.

F'dan il-ġbir inġabret is-somma ta' Lm290 li kienet tinkludi wkoll is-somma flus li nġabret waqt il-quddiesa ta' ringrazzjament mill-Għaqda Pulizija Pensjonanti fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija nhar id-9 ta' Jannar 1994.

Is-somma ta' flus miġbura ġiet mogħtija lis-Sinjura Gemma Mifsud Bonnici, President ta' Għaqda mill-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur George Grech fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.






F'mumenti sbieħ...
RED LEAF
PALE ALE
BEER BIRRA
ixrob RED LEAF Pale Ale


L I G H T S
E PLURIBUS UNUM
MEMPHIS
40c
THE CIGARETTE WITH
UNBEATABLE PRICE AND UNBEATABLE QUALITY
"DANGER: Dept. of Health WARNING"
IF YOU STOP SMOKING
YOU IMPROVE YOUR HEALTH AND LIVE LONGER













Sole agents & distributors:
CAPT. A. CARUANA LTD.
Republic Street, Valletta. Tel: 246202, 245903


Tnax-il mara, ħmistax-il raġel, erba' ġenerazzjonijiet, bank wieħed.
Bank Ġdid b'il fuq minn Mitt Sena Storja.
IDENTITA' ĠDIDA - VIŻJONI ĠDIDA - PRODOTTI ĠODDA - VALURI TRADIZZJONALI
Mid-Med
BANK
Habib Għal Hajtek